- Id-data tal-EM għandha tiġi sottomessa lill-IATTC f'format kompatibbli mal-bażijiet tad-data tal-IATTC u r-riżorsi tal-IT (eż. l-istruttura tad-data, l-unitajiet, l-ID tal-ispeċijiet/kodiċijiet oħra tal-attività tas-sajd, eċċ.).
- Immaġnijiet irreġistrati għandhom jiġu rreġistrati f'format ta' vidjo jew fajl ta' immaġni użat u aċċessibbli b'mod wiesa', bħal MP4 jew JPEG.
- Ir-Rekords tal-EM kollha ġġenerati mis-sistema tal-EM għandhom ikunu kompatibbli mas-software ta' analiżi tal-EM li qed jintuża miċ-Ċentru tar-Rieżami tal-EM fejn ir-Rekords tal-EM għandhom jintbagħtu biex jiġġeneraw data tal-EM.

Manutenzjoni tat-tagħmir tal-EM

- Fuq il-baħar, l-attivitàjiet kollha ta' manutenzjoni, tiswija u sostituzzjoni tat-tagħmir tal-EM għandhom jitwettqu minn membru/i deżinjat(i) tal-ekwipaġġ tal-bastiment imħarreġ/imħarrġa, f'koordinazzjoni biss u meta jingħata(w) struzzjonijiet biex jagħmel/jagħmlu dan mill-bogħod mill-fornitur tas-servizz tal-EM.
- Fuq l-art, l-attivitàjiet kollha ta' manutenzjoni, tiswija u sostituzzjoni tat-tagħmir tal-EM għandhom jitwettqu minn tekniku f'koordinazzjoni mal-fornitur tas-servizz tal-EM.
- Kull bastiment għandu jkollu membru tal-ekwipaġġ deżinjat responsabbli għat-tindif ta' rutina tal-lentijiet tal-kamera, skont protokoll speċifiku, biex tiġi żgurata ċ-ċarezza tar-rekords tal-EM, skont protokoll li għandu jiġi żviluppat mill-persunal xjentifiku tal-IATTC. Iridu jintużaw materjali tat-tindif xierqa biex tiġi evitata ħsara lil-lentijiet u għandhom dejjem ikunu disponibbli abbord.

TABELLA 1. Eżempju tal-post fejn jinsabu l-kameras f'bastimenti bit-tartarun tal-borża tal-klassi 2-6.


Bastimenti tal-klassi 6 b'6 ringieli jew aktar ta' stivi
• Żewġ kameras panoramiċi (eż., 180°) fuq il-qoffa tal-vedetta, li jkopru bord ix-xellug (preżenza/assenza ta' oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma għad-determinazzjoni tat-tip ta' kalar u tal-interazzjonijiet mal-FADs, ħinijiet tal-kalar) u fuq bord il-lemin (Nru ta' speedboats użati fil-kalar, użu tal-FADs, identifikazzjoni tal-qabdiet aċċessorji ta' daqs kbir, qabdiet skartati, ħinijiet tal-kalar). • Kamera waħda (eż., 105°) fuq wara tal-qoffa tal-vedetta, li tkopri ż-żona tal-gverta prinċipali u tal-ixkora (l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet tal-qabdiet u tal-qabdiet aċċessorji, il-qabdiet skartati). • Kamera waħda (eż., 105°) fuq is-saqaf tal-briġġ, li tkopri l-pruwa (użu tal-FAD, irkupru). • Kamera waħda (eż., 105°) fuq is-saqaf tal-apparat ta' kontroll tal-boma, li tkopri ż-żona tal-irfiġh bil-kopp (stima tal-qabdiet totali, identifikazzjoni tal-qabdiet aċċessorji, qabdiet skartati). • Tliet kameras (eż., 105°), li kull waħda minnhom tkopri għadd ugwali ta' ringieli

ta' stivi (identifikazzjoni tal-qabdiet u tal-qabdiet aċċessorji u stima skont l-ispeċi, qabdiet skartati).
Bastimenti tal-klassi 5 b'inqas minn 6 ringieli ta' stivi
• Żewġ kameras panoramiċi (eż., 180°) fuq il-qoffa tal-vedetta, li jkopru bord il-lemin u bord ix-xellug. • Kamera waħda (eż., 105°) fuq wara tal-qoffa tal-vedetta, li tkopri ż-żona tal-gverta prinċipali u tal-ixkora (użu tal-FAD, u rkupru). • Kamera waħda (eż., 105°) fuq is-saqaf tal-apparat ta' kontroll tal-boma, li tkopri ż-żona tal-irfiġh bil-kopp. • Żewġ kameras (eż., 105°) li jkopru għadd ugwali ta' ringieli ta' stivi.
Bastimenti tal-klassi 2 mingħajr aċċess għall-gverta mxarba
• Kamera panoramika waħda (eż., 180°) fuq il-qoffa tal-vedetta, li tkopri bord ix-xellug. • Kamera waħda (eż., 105°) fuq wara tal-qoffa tal-vedetta, li tkopri l-gverta prinċipali. • Kamera waħda (eż., 105°) fuq is-saqaf tal-briġġ, li tkopri l-pruwa. • Kamera waħda (eż., 105°) fuq is-saqaf tal-apparat ta' kontroll tal-boma, li tkopri ż-żona tal-irfiġh bil-kopp.

TABELLA 2. L-ewwel eżempju għall-post tal-kameras f'bastimenti tas-sajd bil-konz.

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' disinn tal-installazzjoni tal-kamera, li huma bbażati fuq informazzjoni miġbura mill-fornituri tas-servizz tal-EM u inizjattivi internazzjonali (eż., Carnes *et al.* 2019):

Bastimenti tas-sajd bil-konz ta' daqs żgħir (<20m LOA)
• Kamera waħda (eż., 105°) fuq il-gverta tax-xogħol biex tidentifika l-ispeċijiet. • Kamera waħda (eż., 105°) immuntata fuq barra tal-filar tal-ġenb biex tkopri l-bokkaport tal-ħut, fejn il-qabda tinġieb abbord.
Bastimenti tas-sajd bil-konz ta' daqs medju (20-24m LOA) u kbir (> 24m LOA)
• Kamera waħda (eż., 105°) fil-poppa biex tirreġistra l-għadd ta' zubruni, snanar u lixka użati fil-kalar. • Kamera waħda (eż., 105°) li tinsab fin-nofsana tal-bastiment, li tkopri l-qabdiet totali u l-qabdiet skartati skont l-ispeċi, id-daqs u l-istatus. • Kamera waħda (eż., 105°) li tinsab fil-pruwa, li tkopri l-qabdiet miżmuma, skont l-ispeċi, id-daqs u l-istatus, matul l-irfiġh. (Fakultattiva, jekk meħtieġa biex jinkisbu l-veduti meħtieġa) • Kamera waħda (eż., 105°) immuntata fuq boma, fuq barra tal-filar minn fejn jintrefa' x-xlief, biex tirreġistra l-evazzjoni tal-qabda, il-qtuġh tax-xlief, eċċ. (fakultattiva għal 20-24 m)



Didaskalija:

A

- *C1 :105° Użu/Irkupru ta' FAD –*
- *C2 :105° Rata ta' qbid aċċessorju, Qabdiet skartati, ID tal-ispeċi preliminari, Kompożizzjoni tad-daqs tal-ispeċi preliminari–*
- *C3 :180° Preżenza/Assenza ta' oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma għad-determinazzjoni tat-tip ta' kalar, użu ta' FAD, approċċi ta' FAD –*
- *C4: 105° Tunnellaġġ tal-kopp, ID tal-ispeċi, Kompożizzjoni tad-daqs tal-ispeċi –*
- *C5: 180° Għadd ta' speedboats użati fil-kalar, użu ta' FAD, status tal-qabda aċċessorja, qabdiet skartati –*

B

- *C6- C8 :105° ID tal-kompartimenti llowdjati, ID tal-ispeċi, Kompożizzjoni tad-daqs tal-ispeċi –*
- *C4: 105° Użu ta' FAD, iċċekkjar ta' FAD –*



C:

- *C1 :180° Preżenza/Assenza ta' oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma għad-determinazzjoni tat-tip ta' kalar, użu ta' FAD –*
- *C2 :105° ID tal-ispeċi, Status tal-qabda aċċessorja, Qabdiet skartati, Kompożizzjoni tad-*

daqs tal-ispeċi preliminari, Nru ta' Speedbaots użati fil-baħar –

- C3 :105° Użu ta' FAD, Tunnellaġġ tal-kopp, ID tal-Ispeċi, Kompożizzjoni tad-daqs tal-ispeċi, Status tal-qabda aċċessorja, Qabdiet skartati –
- C4: 105° Użu ta' FAD, iċċekkjar ta' FAD –

ILLUSTRAZZJONI 1. Il-konfigurazzjoni tal-kameras u l-attivitajiet tas-sajd biex jirreġistraw fuq il-gverta prinċipali (A) u fuq il-gverta tal-bir (B) tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun tal-borża tal-Klassi 6, u fuq il-bastiment tal-Klassi 2 (C).



Didaskalija:

- A:

- 1 : Bidu tal-kalar, tmiem il-kalar, għadd ta' ganċijiet użati skont il-kalar u l-qoffa
- 2 : Bidu tal-irfigħ, Tmiem tal-irfigħ, Għadd ta' ganċijiet użati skont il-kalar u l-qoffa, Enumarazzjoni tal-qabda u l-ganċ tal-post fejn tinsab, Identifikazzjoni tal-ispeċi tal-qabda u tal-qabda aċċessorja u status tal-qabda aċċessorja –
- 3 : Identifikazzjoni tal-ispeċi tal-qabda u tal-qabda aċċessorja, status tal-qabda aċċessorja–
- 4 : Identifikazzjoni tal-ispeċi tal-qabda u tal-qabda aċċessorja u status tal-qabda aċċessorja, ipproċessar tal-qabda–

- B:

- Kamera mmuntata fuq il-gverta tal-ipproċessar għall-ID tal-ispeċi–
- Kamera mmuntata fuq barra tal-filar, immuntata fuq boma biex jintwera s-superfiċje estern tal-bastiment –
- Kalament –
- Romblu –
- Bokkaport tal-ħut –

- *Gverta* –
- *Stiva tas-silġ* –
- *Filar* –

Illustrazzjoni 2. Il-konfigurazzjoni proviżorja tal-kameras u l-attivitajiet tas-sajd għar-reġistrazzjoni abbord bastiment kbir tas-sajd bil-konz (A), u (B) fuq bastiment tas-sajd bil-konz żgħir Hawaii b'konfigurazzjoni tal-kamera tal-EM. Ritratt ta' isfel meħud minn Carnes *et al.* (2019).

Annex VII

Rekwiżiti minimi tad-data għat-tip ta' bastiment

- Kampijiet tad-data minimi għall-attivitajiet bit-tartarun tal-borża li għandhom jinġabru u jiġu sottomessi, ippreżentati fit-Tabella 1.
- Kampijiet tad-data minimi għall-attivitajiet bil-konz li għandhom jinġabru u jiġu sottomessi, ippreżentati fit-Tabella 2.

Tabella 1. Il-kampijiet tad-data li għandhom jinġabru, bħala minimu, għas-sajd bit-tartarun tal-borża.

INFORMAZZJONI DWAR IL-VJAĠĠ		
Port tat-tluq	L-isem tal-port u l-pajjiż, id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).	
Port tal-wasla	L-isem tal-port u l-pajjiż, id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).	
ATTIVITÀ TAL-BASTIMENT		
Pożizzjoni u veloċità	Kull 2 sekondi (abbażi ta' xi kapaċità ta' tagħmir ta' EM), iżda mhux inqas minn 60 min.	
INFORMAZZJONI DWAR IL-KALAR		
	Tip ta' kalar.	
Bidu tal-kalar	Id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).	
Ħoloq merfugħa	Id-data/il-ħin.	
Tmiem il-kalar	Id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).	
Veloċità tar-riħ	Irreġistrat fuq l-iskala Beaufort.	
Ħsarat	Id-data/il-ħin, deskrizzjoni ta' kwalunkwe ħsara maġġuri li twaqqaf jew iddewwem il-manuvra tal-kalar.	
QBID U SKARTAR		
	Speċijiet fil-mira	Speċijiet mhux fil-mira
ID tal-ispeċi.	Il-qabdiet totali u skartati, fattibbli daqs kemm tippermetti t-teknoloġija ta' EM. Il-qabda kkombinata tista' tiġi rrapportata meta l-identifikazzjoni tal-ispeċi	Il-klieb il-baħar, il-klieb il-baħar lamnid, il-kelb balena, ir-raj tal-qrun, il-kastardell, is-scombrids, il-karangidi, il-ħmar, il-fkieren tal-baħar, it-tjur tal-baħar, u l-

	ma tkunx possibbli.	mammiferi tal-baħar, fejn kull eżemplari għandu jiġi identifikat bl-aktar riżoluzzjoni tassonomika baxxa possibbli (jiġifieri speċijiet), fattibbli daqs kemm tippermetti t-teknoloġija tal-EM. F'każijiet fejn l-identifikazzjoni tal-ispeċi ma tkunx possibbli, l-annimal jista' jiġi identifikat għal riżoluzzjoni tassonomika usa' (eż., ġeneru, familja).
Daqs	Il-kategoriji tal-piż għandhom jintużaw kull meta jkun possibbli (jiġifieri: żgħir 2,5 kg. – 15 kg).	Kull fejn ikun possibbli, l-individwi għandhom jitkejlu sal-eqreb cm kif ġej: il-klieb il-baħar bit-tul totali, il-kastardell bit-tul tal-furketta postorbitali, il-ħut bit-tul tal-furketta, ir-raj bil-wisa' tad-disku, il-fkieren tal-baħar bit-tul tal-karapaċa kurvata. F'każijiet fejn il-kejl individwali ma jkunx possibbli, l-annimal jista' jiġi kklassifikat skont il-kategorija tad-daqs (jiġifieri, żgħir, medju, kbir) skont il-prattiki tal-osservaturi tal-IATTC.
Kundizzjoni		Meta jkun possibbli, il-kundizzjoni stmata tal-eżemplari meta jinqabad, jinġieb fuq il-gverta u jiġi rilaxxat.
Identifikazzjoni		Meta jkun possibbli, l-irkupru tal-identifikazzjoni informazzjoni rreġistrata.
Status	Qabda miżmuma u skartata, skont l-ispeċi, f'tunnellati metriċi.	Meta jkun possibbli, l-istatus tal-eżemplari li jinġieb fuq il-gverta (eż. miżmum, skartat, eċċ.)
OĠĠETTI LI JŻOMMU F'WIĊĊ L-ILMA/FADS		
Użi	Id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).	
Irkupri	Id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).	
Żjarat	Meta jkun possibbli – Id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali)	
ID tal-baga	Meta jkun possibbli – il-kodiċi alfanumeriku tas-satellita бага mwaħħla	

Tabella 2. Il-kampijiet tad-data li għandhom jinġabru, bħala minimu, għas-sajd bil-konz.

INFORMAZZJONI DWAR IL-VJAĠĠ	
Port tat-tluq	L-isem tal-port u l-pajjiż, id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).
Port tal-wasla	L-isem tal-port u l-pajjiż, id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).
ATTIVITÀ TAL-BASTIMENT	
Pożizzjoni u veloċità	Id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).
Tmiem il-kalar	Id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).
Bidu tal-irfiġh	Id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).
Tmiem tal-irfiġh	Id-data/il-ħin, il-pożizzjoni (il-latitudni u l-lonġitudni, fi gradi deċimali).
Direzzjoni tal-irfiġh	Bidu sat-tmiem; tmiem sal-bidu
Miżbugħa blu lixka użata	Iva – Le, fattibbli daqs kemm tippermetti t-teknoloġija tal-EM.
Qfief jew żubruni	Numru totali użat fil-kalar.
Snanar	Numru totali użat fil-kalar.
Fili tal-metall fuq kwalunkwe brazzol	Iva – Le, fattibbli daqs kemm tippermetti t-teknoloġija tal-EM.
Kalament tal-klieb il-baħar	L-għadd ta' brazzoli li jgħaddu direttament mill-konżijiet tal-wieċ jew mill-imtielaq, fattibbli daqs kemm tippermetti t-teknoloġija tal-EM.
QBID U SKARTAR TA' SPEĊIJET FIL-MIRA U MHUX FIL-MIRA	
ID tal-ispeċi.	L-identifikazzjoni tal-ispeċi ta' kull eżemplari maqbud, fejn kull eżemplari għandu jiġi identifikat bl-aktar riżoluzzjoni tassonomika baxxa possibbli (jiġifieri speċi), fattibbli daqs kemm tippermetti t-teknoloġija tal-EM.
Daqs	Id-daqs ta' kull eżemplari maqbud, bl-użu tal-approċċ tal-kejl rakkomandat u l-kodiċi tal-kejl xieraq (standard, furkali, postorbitali, wisa' tad-disku, eċċ.) għall-ispeċi, fattibbli daqs kemm tippermetti t-teknoloġija tal-EM.
Kundizzjoni	Il-kundizzjoni stmata tal-eżemplari meta jinqabad, jinġieb fuq il-gverta u jiġi rilaxxat, fejn possibbli.

Status	L-istatus tal-eżemplari miġjub fuq il-gverta (eż., miżmum, skartat, eċċ.)
Identifikazzjoni	Informazzjoni dwar l-irkupru ta' identifikazzjonijiet irreġistrata, fattibbli daqs kemm tippermetti t-teknoloġija tal-EM.
Interazzjoni tal-qabda	It-tip ta' interazzjoni tal-qabda (eż., imħabbla, maqbuda bis-snanar internament, maqbuda bis-snanar esternament, interazzjoni mal-bastiment biss.)

Anness VIII

Kontenut tal-Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMP) bl-EM

Il-VMP għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-VMP għandu jiġi żviluppat għal kull bastiment jew grupp ta' bastimenti li fuqhom għandu jiġi installat tagħmir tal-EM u għandu jiġi kkonsenjat lill-awtoritajiet kompetenti tal-PKK tal-bandiera.

Il-VMP għandu jiġi żviluppat f'kollaborazzjoni mal-fornitur tas-servizz tal-EM, is-sid tal-bastiment u l-awtoritajiet rilevanti tas-sajd tal-PKK tal-bandiera.

Għandu jitwettaq sħarriġ dwar kull bastiment jew bastiment ta' eżempju għal grupp ta' bastimenti maħsuba għall-installazzjoni tat-tagħmir tal-EM mill-fornitur tal-EM jew mill-awtoritajiet tas-sajd tal-Istat Membru tal-bandiera. Matul dan l-isħarriġ, l-aspetti li ġejjin għandhom jitqiesu fl-iżvilupp tal-VMP, bl-għan li jiġi żgurat li s-sistema tissodisfa r-rekwiżiti minimi tal-ġbir tad-data deskritti fl-Anness 2:

Tqegħid u konfigurazzjonijiet tal-kamera.

L-għadd ta' kameras li għandhom jiġu installati biex tiġi żgurata l-ottimizzazzjoni tal-kamp viżiv taż-żona tal-manipulazzjoni tal-qabdiet.

Iż-żoni ewlenin li jridu jiġu mistħarrġa huma ż-żoni tal-manipulazzjoni tal-qabdiet għall-identifikazzjoni u l-ħżin tal-ispeċi tal-individwi u ż-żoni tal-iskartar jew tar-rilaxx.

L-informazzjoni minima li għandha tkun inkluża fil-VMP għandha tinkludi:

Informazzjoni ta' kuntatt: dettalji ta' kuntatt kurrenti għas-sid tal-bastiment, l-operatur tal-bastiment u l-fornitur tas-servizz tal-EM sakemm idum il-kuntratt.

Informazzjoni ġenerali dwar il-bastiment: informazzjoni bażika dwar il-bastiment u l-attivitajiet u l-operazzjonijiet tas-sajd tiegħu (bħall-isem tal-bastiment, in-numru tar-reġistrazzjoni, is-sajd fil-mira, iż-żoni tas-sajd, l-irkaptu tas-sajd, il-LOA).

It-tip u l-konfigurazzjoni tal-irkaptu tas-sajd:

It-tqassim tal-bastiment: it-tagħmir tal-bastiment b'informazzjoni dettaljata, il-pjan tad-dispożizzjoni tal-bastiment u żoni differenti (bħall-gverta, l-ipproċessar, il-ħżin -inkluż l-għadd ta' stivi).

L-istabbiliment tat-tagħmir tal-EM: deskrizzjoni tal-konfigurazzjonijiet tat-tagħmir tal-EM, bħall-ħin tat-tħaddim, l-għadd ta' kameras, il-konfigurazzjonijiet tal-kameras (ir-rata u r-risoluzzjoni tal-frejms), u ż-żoni koperti, ir-reġistrazzjoni tal-ħin għal kull kamera, l-għadd ta' sensuri, fejn applikabbli, is-software użat, id-dispożizzjoni tal-kaxxa tal-kontroll, eċċ.

Proċeduri tal-manipulazzjoni tal-qabdiet: deskrizzjoni tal-ekwipaġġ u l-operazzjonijiet tiegħu.

Eżempju ta' perspettiva minn kull kamp viżiv meħtieġ tal-kamera.

Kwalunkwe bidla fiżika fil-bastiment, modifiki fil-kategorizzazzjoni tal-bastiment (segmentazzjoni tal-flotta), jew aġġustamenti fil-gverta tal-manipulazzjoni tal-qabdiet, inkluż dawk li jirriżultaw f'li l-bastiment ma jibqax jappartjeni għall-grupp oriġinali tiegħu, għandhom jiġu rrapportati lill-awtoritajiet tal-PKK tal-Bandiera. Sussegwentement, il-VMP għandu jiġi aġġornat kif xieraq qabel il-bidu tal-vjaġġ tas-sajd li jkun imiss.

Il-VMP għandu jiġi ffirmat mis-sid tal-bastiment u approvat mill-awtorità kompetenti tal-PKK tal-bandiera jew mill-istituzzjonijiet deżinjati tagħha.

It-tagħmir tal-EM ma għandux jikkomprometti l-istabbiltà tal-bastiment, u joħloq riskji għall-operazzjonijiet tal-bastimenti, għas-sikurezza tal-ekwipaġġ, jew għall-ambjent. Barra minn hekk, dan ma għandux ifixkel in-navigazzjoni sikura tal-bastiment.

Mudell ta' eżempju ta' VMP huwa ppreżentat hawn taħt. **Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti bl-EM Parti A**

Għandu jiġi pprovdut mis-sid tal-bastiment lill-awtorità kompetenti tal-PKK tal-bandiera jew lill-istituzzjonijiet deżinjati tagħha

1. Informazzjoni pprovduta mis-sid tal-bastiment

Reġistrazzjoni esterna:		Sajd ewlieni:	
Isem tal-bastiment:		Tip(i) ta' rkaptu:	
Nru tar-reġistru tal-bastiment tal-IATTC:		Daqs tal-ekwipaġġ:	
IRCS:		Jista' jkollu osservatur abbord:	
Bażi tal-port:		Rappreżentant tas-sid(ien):	
Tul tal-bastiment (m):		Nru tat-telefown:	
Tip ta' bastiment:		Email:	
Tul nett (fathoms):		Tul tal-kalament (fathoms):	
Fond nett (strixxi):		Tip ta' sunnara:	
Kapaċità tal-kopp (mt):		Materjal tal-brazzol:	

Deskrizzjoni tal-manipulazzjoni tal-ħut mill-ekwipaġġ u kwalunkwe dettall utli ieħor

(1) Jekk disponibbli, kopja jew immaġni tal-pjan ta' arranġament ġenerali tal-bastiment

--

(2) Tqassim u ġestjoni ġenerali (mhux neċessarjament skont l-iskala)

--

(3) Kummenti ġenerali

Parti B

Responsabbiltà tal-awtorità kompetenti tal-PKK tal-bandiera u li għandha tiġi vvalidata mill-awtorità kompetenti tal-PKK tal-bandiera

- (4) Immaġni tal-bastiment
- (5) Konfigurazzjoni tat-tagħmir tal-EM
- (6) Operazzjoni tas-Sistema – Deskrizzjoni Ġenerali

Reġistrazzjoni tas-sensuri, fejn applikabbli:	Deskrizzjoni tal-konfigurazzjonijiet:
Reġistrazzjoni bil-vidjo:	Deskrizzjoni tal-konfigurazzjonijiet:

- (7) Post tal-Komponenti tas-Sistema

Kaxxa tal-kontroll:	Interfaċċa tal-Utent:
<i>Immaġni tal-post tal-kaxxa tal-kontroll</i>	
GPS jew ekwivalenti:	Dettalji tal-GPS:
<i>Immaġni tal-post tal-GPS jew ekwivalenti</i>	
Sensur tat-Tidwir taċ-Ċilindru:	Dettalji tas-Sensur tat-Tidwir taċ-Ċilindru:

<i>Immaġni tal-post tas-sensur taċ-ċilindru</i>	
Sensur tal-Pressjoni Idrawlika (HPS, Hydraulic Pressure Sensor):	Dettalji tal-HPS:
<i>Immaġni tal-post tal-HPS</i>	
Sensur XX:	Dettalji tas-Sensur XX:
<i>Immaġni tal-post tas-Sensur XX</i>	
Sensur XX:	Dettalji tas-Sensur XX:
<i>Immaġni tal-post tas-Sensur XX</i>	
Sensur XX:	Dettalji tas-Sensur XX:
<i>Immaġni tal-post tas-Sensur XX</i>	

Sensur XX:	Dettalji tas-Sensur XX:
<i>Immaġni tal-post tas-Sensur XX</i>	

Kamera 1 – Kamera tal-Gverta	
<i>Immaġni tal-Post ta' Kamera 1</i>	Kamp viżiv u Miri:
<i>Immaġni tal-Post tal-kamera tal-gverta</i>	Konfigurazzjonijiet tal-kamera:
Kamera 2 – Kamera tal-Immaġni/tal-Kamp viżiv Ġenerali	
<i>Immaġni tal-Post ta' Kamera 2</i>	Kamp viżiv u Miri:
<i>Kamera tal-Immaġni/tal-Kamp viżiv Ġenerali</i>	Konfigurazzjonijiet tal-kamera:
Kamera 3 – Kamera taċ-Ċintorin tal-Issortjar	
<i>Immaġni tal-Post ta' Kamera 3</i>	Kamp viżiv u Miri:
<i>Immaġni taċ-Ċintorin tal-Issortjar</i>	Konfigurazzjonijiet tal-kamera:
Kamera 4 – Kamera tal-Iskartar	
<i>Immaġni tal-Post ta' Kamera 4</i>	Kamp viżiv u Miri:
<i>Immaġni tal-Kamera tal-Iskartar</i>	Konfigurazzjonijiet tal-kamera:

Kamera XX – XX Kamera	
<i>Immaġni tal-Post tal-Kamera XX</i>	Kamp viżiv u Miri:

<i>Immaġni tal-Kamera XX</i>	Konfigurazzjonijiet tal-kamera:
Kamera XX – XX Kamera	
<i>Immaġni tal-Post tal-Kamera XX</i>	Kamp viżiv u Miri:
<i>Immaġni tal-Kamera XX</i>	Konfigurazzjonijiet tal-kamera:
Kamera XX – XX Kamera	
<i>Immaġni tal-Post tal-Kamera XX</i>	Kamp viżiv u Miri:
<i>Immaġni tal-Kamera XX</i>	Konfigurazzjonijiet tal-kamera:
Kamera XX – XX Kamera	
<i>Immaġni tal-Post tal-Kamera XX</i>	Kamp viżiv u Miri:
<i>Immaġni tal-Kamera XX</i>	Konfigurazzjonijiet tal-kamera:

Sommarju tal-Konfigurazzjoni tal-Kaxxa tal-Kontroll:	Sommarju tal-Konfigurazzjoni tal-Kamera:
<i>Skrin tal-konfigurazzjoni prinċipali</i>	
Dettalji dwar il-Kejl taż-Żona tal-Issortjar:	

Parti C

(*Għandha timtela mill-fornitur tas-servizz tal-EM*)

(8) Gwida għall-Utent dwar il-EM

- (9) Deskrizzjoni dwar kif għandhom jiġu rkuprati l-apparati tal-memorja
- (10) Deskrizzjoni dwar kif għandha tinxtgħel is-sistema
- (11) Deskrizzjoni dwar kif tagħmel test tal-funzjoni
- (12) Protokoll ta' ġestjoni speċifiċi għall-bastiment

Deskrizzjoni ta' kwalunkwe protokoll speċjali li jista' japplika għall-bastiment imsemmi fil-VMP.

- (13) Deskrizzjoni u dijagrammi tal-punti ta' kontroll bi proċeduri speċifiċi mwettqa. Għal kull deskrizzjoni taż-żona, għandu jkun hemm protokoll dwar kif jiġi żgurat li l-qabda tibqa' fil-kamp viżiv tal-kamera.

Parti D

(Għandha timtela mill-fornitur tas-servizz tal-EM)

Lista ta' informazzjoni ta' kuntatt tal-fornituri ta' servizzi tal-EMS:

Isem u Kunjom	Telefown	Email	Indirizz tal-uffiċċju

Parti E

(Għandha timtela mis-sid tal-bastiment u mill-fornitur tas-servizz tal-EM)

Din il-parti għandha tiċċertifika li s-sid/l-operaturi tal-bastiment ġew imħarrġa u jifhmu l-funzjoni u l-operazzjoni fuq l-EMS installata fuq il-bastiment, u li l-operatur jaqbel li jikkonforma mal-VMP.

<u>Sid/operatur tal-bastiment</u>	<u>Fornitur tas-servizz tal-EM</u>
Isem sħiħ:	Isem sħiħ:
Firma:	Firma:
Id-data u l-ħin:	Id-data u l-ħin:

Anness IX

Analiżi logistikai u tad-data u standards ta' rapportar

Trasferiment tad-data

- L-awtorità tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment għandha tippermetti l-irkupru u t-trażmissjoni sigura tar-Rekords tal-EM fi tmiem kull vjaġġ.
- Il-protokoll dettaljat dwar kif għandha tinkiseb id-data mill-bastiment lill-awtoritajiet jew liċ-ċentru tar-rieżami tal-EM għandu jiġi stabbilit u maqbul fil-VMP kemm mis-sidien tal-bastimenti kif ukoll mill-awtorità tal-bastiment.
- Meta r-rekords tal-EMS jiġu trażmessi (permezz ta' WI-FI, network tad-data mobbli jew satellita, jew konsenja b'hard disk), it-trażmissjoni tad-data għandha ssir fi tmiem il-vjaġġ tas-sajd meta possibbli. Jekk ma jkunx possibbli, id-data għandha tinħażen u tiġi trażmessa b'mod sigur mingħajr dewmien/mal-ewwel opportunità.
- Irrispettivament mill-metodu ta' trasferiment tad-data użat għar-rekords tal-EM, it-trażmissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni tkun kriptata kif suppost. Barra minn hekk, apparat għall-ħżin kriptat li jkun fih l-istess informazzjoni tar-rekords tal-EM għandu jibqa' abbord bħala backup. It-tħassir ta' rekords mill-apparati ta' riżerva tal-bastiment għandu jseħħ biss ladarba r-rekords tal-EM ikunu ġew ikkonvertiti f'data tal-EM fiċ-ċentru tar-rieżami tal-EM.

Rieżami tad-data

- Id-data tal-EM għandha tiġi ġġenerata mill-programm li mmonitorja dak il-vjaġġ. Dment li jiġu segwiti protokoll u proċeduri standard, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk jikkuntrattaw ix-xogħol permezz ta' fornitur kummerċjali ta' servizz ta' rieżami tal-EM, kuntrattur awtorizzat, jew jagħmlux dan huma stess.
- It-tagħmir tal-EM għandu jinkludi apparati separati ta' backup, biex jiżgura li d-data ma tintilifx jekk apparat wieħed ma jaħdimx.

Ħżin u żamma tad-data tal-EM

- L-informazzjoni kollha dwar l-operazzjonijiet tas-sajd tal-bastiment għandha tiġi trattata bħala kunfidenzjali mill-IATTC u soġġetta għar-regoli ta' kunfidenzjalità tal-IATTC.
- Il-proċeduri għal fejn, kif, u għal kemm żmien għandhom jinħażnu r-rekords tal-EM wara l-analiżi tal-EM, għandhom jiġu speċifikati mill-Istat Membru tal-bandiera. Id-deċiżjonijiet dwar il-ħżin għandhom ikunu bbażati fuq l-għanijiet tal-programm tal-EM u fuq il-persunal li se jkollu bżonn jaċċessa r-rekords ta' monitoraġġ, b'liema frekwenza, u għal liema skop.

Analiżi tad-data u standards ta' rapportar

Taħriġ

- L-Istati Membri għandhom ifasslu u jorganizzaw korsijiet ta' taħriġ għall-analisti tal-EM, b'kontribut mill-persunal tal-IATTC, il-fornituri tas-servizz tal-EM u esperti oħra, fejn meħtieġ.
- L-analiżijiet tal-EM għandhom jitwettqu biss minn analisti tal-EM kwalifikati, idealment ikollhom xi esperjenza fl-attivitajiet tas-sajd, b'ħiliet dwar kif jintuża s-software ta' analiżi ddedikat u tiġi osservata u rreġistrata b'mod preċiż id-data li

għandha tinġabar taħt il-programm. L-analisti tal-EM ma għandhomx ikunu impjegati ta' kumpanija ta' bastiment tas-sajd involuta fis-sajd osservat jew ikollhom kunflitti ta' interess diretti oħra.

Awtomatizzazzjoni

- Meta jkun fattibbli, il-ġenerazzjoni tad-data tal-EM issir awtomatika u faċli għall-utent biex titħaffef l-analiżi tal-EM u tiġi inkluża direttament informazzjoni fid-data jew fir-rapporti dwar il-EM.
- Ir-rekords tal-EM soġġetti għal analiżi tal-EM għandu jkun fihom mill-inqas l-isem tal-bastiment u l-ID tal-bastiment u l-ID tal-vjaġġ, in-numru tal-kamera, id-data tal-ġeolokalizzazzjoni (id-data, il-ħin (UTC), il-latitudni u l-lonġitudni), id-data tas-sensur fejn applikabbli, l-istatus tar-reġistrazzjoni tal-kamera u l-istatus tas-sistema tat-tagħmir tal-EM, fejn disponibbli, u l-immaġnijiet.

Kwalità tad-data

- L-analiżi tal-EM għandha tinvolvi software ddedikat, li għandu jippermetti l-analiżi tad-data maħżuna, l-immaġnijiet u d-data tas-sensuri kollha fejn applikabbli, b'mod sinkronizzat. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri tal-analiżi tad-data jiżguraw it-traċċabbiltà u l-analiżi effettiva tad-data u r-rutini biex jiġu mmarkati l-iżbalji potenzjali, u l-ġhodod tal-kejl diġitali.
- Is-software tal-analiżi tal-EM għandu jippermetti r-rapportar tar-rekwiżiti minimi obligatorji tal-kampijiet tad-data stabbiliti fit-Tabelli 1 u 2 tal-parti 3 tal-Anness 11 (Żoni ta' attivitajiet tas-sajd koperti mill-EMS u rekwiżiti minimi tad-data għat-tip ta' bastiment). Dan jista' jippermetti wkoll ir-rapportar tal-kampijiet tad-data volontarji.

Fatturi ta' konverżjoni

- It-tul-piż standardizzati speċifiċi għall-ispeċi u l-fatturi ta' konverżjoni piż-numru, ibbażati fuq riżultati tar-riċerka rieżaminati bejn il-pari u/jew data empirika, għandhom jiġu żviluppati mis-Segretarjat tal-IATTC, approvati mill-SAC u adottati mill-Kummissjoni, u aġġornati kif meħtieġ.

Format

- Il-formati standard applikabbli għar-rapporti sottomessi minn osservaturi umani għandhom jintużaw għall-ġenerazzjoni ta' kampijiet tad-data tal-EM (eż., dati bħala JJXXSS, latitudni u lonġitudni f'unitajiet deċimali, veloċitajiet f'mili nawtiċi, piżijiet f'kg, tulijiet f'ċentimetri) u l-ħolqien ta' fajls tad-data tal-EM li jirriżultaw (eż., csv, accdb, xlsx).

Proċedura ta' rapportar

- Id-data tal-EM għandha tiġi sottomessa permezz ta' portal dedikat ibbażat fuq il-cloud li jista' jiġi żviluppat mis-Segretarjat tal-IATTC, jew mezzi xierqa oħra. Il-portal għandu jkun kemm jista' jkun faċli għall-utent u awtomatizzat, u jinkludi proċeduri ta' kontroll tal-kwalità (eż., verifika tal-format, immarkar tal-erruri), kif ukoll tfakkiriet awtomatiċi għas-sottomissjoni f'waqtha tad-data tal-EM."

ANNEX IV

Emendi tar-Regolament (UE) 2022/2343

L-Annessi tar-Regolament (UE) 2022/2343 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNESS 2

Linji gwida għall-preparazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni għall-irkaptu mitluq għal riġu biex jinġema' l-ħut (DFAD)

Il-pjan ta' ġestjoni tad-DFAD (DFAD-MP) għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni mill-Istati Membri bi flotto li jistadu fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC, assoċjat mad-DFADs, għandu jinkludi:

(1) Objettiv

(2) Kamp ta' applikazzjoni

Deskrizzjoni tal-applikazzjoni tiegħu fir-rigward ta':

- tipi ta' bastimenti u ta' bastimenti ta' appoġġ u bastimenti qaddej
- għadd ta' DFAD u għadd tas-sinjali ta' DFADs li jintużaw
- proċeduri ta' rapportar għall-użu ta' DFAD
- politika għat-tnaqqis ta' qabdiet aċċessorji inċidentali u għall-utilizzazzjoni tagħhom
- kunsiderazzjoni ta' interazzjoni ma' tipi oħra ta' rkaptu
- pjanijiet għall-monitoraġġ u l-irkupru ta' DFADa mitlufa
- dikjarazzjoni jew politika dwar “sjieda ta' DFAD”

(3) Arranġamenti istituzzjonali għall-ġestjoni tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni għad-DFAD:

- responsabbiltajiet istituzzjonali
- proċessi ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-użu ta' DFAD u/jew sinjali ta' DFAD
- obbligi għas-sidien u l-kaptani tal-bastimenti b'rispett għall-użu ta' DFAD u/jew ta' sinjali tad-DFAD
- politika ta' sostituzzjoni tad-DFAD u/jew is-sinjali tad-DFAD
- obbligi ta' rapportar

(4) Speċifikazzjonijiet u rekwiżiti għall-kostruzzjoni ta' DFAD:

- Karatteristiċi tad-disinn tad-DFAD (deskrizzjoni)
- Markaturi u identifikaturi tad-DFAD, inklużi sinjali tad-DFAD
- rekwiżiti tad-dawl
- rifletturi tar-radar
- distanza viżibbli
- baġi ta' sinjalazzjoni bir-radju (rekwiżit għan-numru tas-serje)
- transiċevituri bis-satellita (rekwiżit għan-numru tas-serje)
- sonars (għamla u speċifikazzjonijiet tekniċi)

- (5) Żoni applikabbli:
 - Dettalji ta' kwalunkwe żona jew perjodu magħluq eż. ibħra territorjali, rotot marittimi, qrubija għal sajd artiġjanali, eċċ.
- (6) Perjodu applikabbli għad-DFAD–MP.
- (7) Mezzi għall-monitoraġġ u r-rieżami tal-implimentazzjoni tad-DFAD–MP.
- (8) Mudell tal-ġurnal ta' abbord tad-DFAD (id-data li trid tinġabar hija speċifikata fl-Anness 3).

Linji gwida għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni għall-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut

Il-Pjanijiet ta' Ġestjoni tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut li għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni mill-Istati Membri bil-flotot li jistadu fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC, assoċjati mal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut, għandhom jinkludu:

- (9) Objettiv
- (10) Kamp ta' applikazzjoni:

Deskrizzjoni tal-applikazzjoni tiegħu fir-rigward ta':

 - (1) Tipi ta' bastimenti
 - (2) Għadd ta' rkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut u/jew għadd ta' sinjali tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut li għandhom jintużaw (għal kull tip ta' rkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut)
 - (3) proċeduri ta' rapportar u/jew ta' reġistrazzjoni għall-użu tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut
 - (4) pjanijiet għall-monitoraġġ u l-irkupru ta' rkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut mitluf
 - (5) dikjarazzjoni jew politika dwar "sjieda ta' rkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut"
 - (6) Arranġamenti istituzzjonali għall-ġestjoni tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni ta' rkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut:
 - (7) responsabbiltajiet istituzzjonali
 - (8) regolamenti applikabbli għall-kalar u l-użu ta' rkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut
 - (9) Tiswijiet tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut fuq il-baħar, regoli ta' manutenzjoni u politika ta' sostituzzjoni
 - (10) sistema ta' ġbir ta' data
 - (11) obbligi ta' rapportar
 - (12) speċifikazzjonijiet u rekwiżiti għall-kostruzzjoni ta' rkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut:
 - (13) karatteristiċi tad-disinn tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut (deskrizzjoni)
 - (14) markaturi u identifikaturi tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut, inkluż sinjali tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut, jekk ikun hemm
 - (15) rekwiżiti tad-dawl, jekk ikun hemm

- (16) rifletturi tar-radar, jekk ikun hemm
- (17) bagi ta' sinjalazzjoni bir-radju, jekk ikun hemm (rekwiżit għan-numru tas-serje)
- (18) transriċevituri bis-satellita, jekk ikun hemm (rekwiżit għan-numri tas-serje)
- (19) ekosonda, jekk ikun hemm
- (20) Żoni applikabbli: dettalji ta' kwalunkwe żona magħluqa eż., rotot marittimi, Żoni tal-Baħar Protetti, riżervi eċċ.
- (21) Mezzi għall-monitoraġġ u r-rieżami tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut.
- (22) Metodoloġiji għar-reġistrazzjoni u r-rapportar tad-data speċifikata fl-Anness 3.

2. L-Anness 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX 3

Ġbir ta' data għall-irkapti mitluqa għal riħhom biex jinġema' l-ħut (DFADs) u l-bagi tal-istrumenti tagħhom

- (1) Għal kull attività fuq DFAD, oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma u/jew бага tal-istrumenti, kemm jekk segwita minn kalar kif ukoll jekk le, kull bastiment tas-sajd u bastiment tal-provvista għandu jirrapporta l-informazzjoni li ġejja:

Kategorija	Element	Tip ta' data tal-element	Obbligatorju	Noti
Bastiment	ID tal-IOTC tal-bastiment	Identifikatur tal-bastiment	I	
	Tip	Entrata fid-dizzjunarju	I	Jista' jiġi dedott
Data	Sena	Numru sħiħ	I	
	Xahar	Numru sħiħ	I	
	Jum	Numru sħiħ	I	
Il-post tal-oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma u/jew tal-baga tal-istrumenti fil-ħin tal-operazzjoni	Lonġitudni	Deċimali	I	
	Latitudni	Deċimali	I	
Il-post tal-bastiment jekk ikun differenti mill-oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma jew mill-baga	Lonġitudni	Deċimali	I	
	Latitudni	Deċimali	I	
Oġġett li jżomm	Identifikatur	Identifikatur	I (meta preżenti)	F'każ ta' żjara tad-DFAD, dan għandu jiġi pprovdut sa fejn

f'wiċċ l-ilma				ikun possibbli, jiġifieri mingħajr ma jkollu għalfejn jitneħħa d-DFAD mill-ilma
	Tip	Entrata fid-dizzjunarju	I	Kif definit fil-paragrafu 3 ta' dan l-anness
	Kategorija tal-bijodegradabbiltà (jekk l-oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma jkun DFAD)	Entrata fid-dizzjunarju	I	Kif definit fl-Anness 3b.
	Tip ta' attività	Entrata fid-dizzjunarju	I	Kif definit fil-paragrafu 4 ta' dan l-anness
Parti li tidher	Huwa preżenti l-plastik?	Boolean	I (jekk viżibbli b'mod ċar)	
	Huwa preżenti l-metall?	Boolean		
	Tul	Deċimali		F'cm
	Wisa'	Deċimali		F'cm
	Għoli	Deċimali		F'cm
	Hija preżenti l-malja?	Boolean		
	Daqs tal-malja	Deċimali		F'mm
Parti mgħaddsa	Huwa preżenti l-plastik?	Boolean	I (jekk viżibbli b'mod ċar)	
	Huwa preżenti l-metall?	Boolean		
	Tul	Deċimali		F'cm
	Wisa'	Deċimali		F'cm
	Għoli	Deċimali		F'cm
	Hija preżenti l-malja?	Boolean		
	Daqs tal-malja	Deċimali		F'mm
Baga	Identifikatur	Identifikatur	I (jekk hemm бага preżenti)	
	Pożizzjoni magħrufa	Boolean		
	Tip ta' attività	Entrata fid-dizzjunarju		Kif definit fil-paragrafu 5 ta' dan l-anness

				Fil-każ ta' diżattivazzjoni tal-baga, il-kawża għad-diżattivazzjoni (id-DFAD jew jiġi rkuprat mill-baħar, jew jiġi abbandunat jew mitluf) u l-pożizzjoni tal-bastiment.
--	--	--	--	---

- (2) Jekk iż-żjara tkun segwita minn kalar, ir-riżultati tal-kalar f'termini ta' qabdiet u qabdiet aċċessorji, kemm jekk miżmuma kif ukoll jekk skartati, mejtin jew ħajjin, għandhom jiġu rreġistrati skont it-tabella ta' hawn taħt. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw din id-data aggregata għal kull bastiment fil-grad ta' latitudni 1 għal kull grad ta' lonġitudni 1 (fejn applikabbli) lill-Kummissjoni.

Kategorija	Element	Tip ta' data tal-element	Obbligato rju	Noti
Bastiment	ID tal-IOTC tal-bastiment	Identifikatur tal-bastiment	I	
	Tip	Entrata fid-dizzjunarju	I	Jista' jiġi dedott
Data	Sena	Numru sħiħ	I	
	Xahar	Numru sħiħ	I	
Post	Grilja 1x1	Identifikatur tal-grilja CWP	I	
Oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma	Tip	Entrata fid-dizzjunarju	I	Kif definit fil-paragrafu 3 ta' dan l-anness
	Tip ta' attività	Entrata fid-dizzjunarju	I	Kif definit fil-paragrafu 4 ta' dan l-anness
Sforz	Għadd ta' attivitajiet	Numru sħiħ	I	
	Numru ta' kalati	Numru sħiħ		Jista' jkun 0
	Data miġbura?	Boolean		
Qabdiet numru 1	Kodiċi tal-ispeċi	Identifikatur tal-ASFIS	I (attività segwita minn kalar)	Speċi waħda
	Status	Entrata fid-dizzjunarju		Miżmuma / Skartata
	Qabdiet / skartar	Deċimali		Ammont
	Unità	Entrata fid-dizzjunarju		piż jew għadd
...	...	...	...	...
Qabdiet numru N	Kodiċi tal-ispeċi	Identifikatur tal-ASFIS	I (attività segwita minn)	Speċi waħda
	Status	Entrata fid-dizzjunarju		Miżmuma / Skartata
	Qabdiet / skartar	Deċimali		Ammont

	Unità	Entrata fid- dizzjunarju	kalar)	piż jew numru
--	-------	-----------------------------	--------	---------------

(3) Klassifikazzjoni ta' Oġġetti li Jżommu f'Wiċċ l-Ilma:

Kodiċi	Deskrizzjoni bl-Ingliż
ANLOG	Zokk naturali jew skart li jżomm f'wiċċ l-ilma li joriġina mill-annimali
DFAD	Irkaptu mitluq għal riġu biex jinġema' l-ħut
AFAD	Irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut
FALOG	Zokk artifiċjali jew skart li jżomm f'wiċċ l-ilma li jirriżulta minn attività tal-bniedem (u relatata ma' attivitajiet tas-sajd)
HALOG	Zokk artifiċjali jew skart li jżomm f'wiċċ l-ilma li jirriżulta minn attività tal-bniedem (mhux relatata ma' attivitajiet tas-sajd)
VNLOG	Zokk naturali ta' oriġini mill-pjanti

(4) Klassifikazzjoni ta' attivitajiet b'oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma:

Kodiċi	Attività	Deskrizzjoni
DE	Użu	Użu ta' DFAD fuq il-baħar
CO	Konsolidazzjoni	Użu ta' DFAD fuq oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma (eż. biex tittejjeb il-kapaċità li jżomm f'wiċċ l-ilma)
VF	Żjara bis-sajd	Żjara ta' oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma li jirriżulta f'kalar
VI	Żjara mingħajr sajd	Żjara mingħajr sajd ta' oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma
LO	Telf	Tmiem mhux volontarju tal-użu tal-oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma (tmiem it-trażmissjoni tal-baga)
AB	Abbandun	Tmiem intenzjonat tal-użu tal-oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma minħabba każ ta' forza maġġuri jew meta l-oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma ma jkunx jista' jintlaħaq (filwaqt li l-baga tkun għadha preżenti u kapaċi tittrażmetti)
ST	Irrokkar	L-abbandun huwa dovut għall-fatt li l-oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma jitħalla l-art fuq habitats tal-baħar baxxi u ma jibqax mitluq għal riġu aktar
RE	Irkupru	Irkupru tal-oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma

(5) Klassifikazzjoni ta' attivitajiet bil-bagi tal-istrumenti

Kodiċi	Attività	Deskrizzjoni
DE	Użu	Użu (identifikazzjoni) ta' бага fuq oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma diġà mitluq għal riġu fil-baħar mingħajr бага jew użu ta' DFAD mġammar b'bage
LO	Telf	Tmiem involontarju tal-użu tal-baga (mitlufa jew tmiem involontarju tat-trażmissjoni tal-baga)
AB	Abbandun	Tmiem volontarju tal-użu tal-baga (il-baga għadha kapaċi tittrażmetti)
RE	Irkupru	Irkupru tal-baga fuq oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma mitluq għal riġu fil-baħar

TR	Trasferiment	Sostituzzjoni tal-baga li tkun proprjetà ta' bastiment ieħor b' бага tal-bastiment
----	--------------	--

(6) Klassifikazzjoni tal-eżitu tad-DFAD użat:

Jintuża d-DFAD + il-baga tkun attivata						
Il-baga hija attiva						
Il-baga qed tittrażmetti u tista' tinstab				Il-baga mhix qed tittrażmetti u ma tistax tinstab		
Id-DFAD jista' jiġi rkuprat		Id-DFAD ma jistax jiġi rkuprat		Id-DFAD ma jistax jinstab, u għalhekk ma jistax jiġi rkuprat		
Raġuni għad-diżattivazzjoni tal-baga	Id-DFAD u l-baga jittieħd u mill-baħar	Is-sid tal-baga jiddeċiedi li ma jirkuprax id-DFAD	Mhux aċċessibbli (eż. fiż-ŻEE ta' pajjiż ieħor)	Il-baga tiġi misruqa iżda tkun qed tittrażmetti	Id-DFAD jiġi misruq	Il-baga hija mkissra/problema teknika/baga mgħarrqa
Status finali tad-DFAD	Irkapt u biex jingem a' l-ħut irkuprat	DFAD skartat	DFAD abbandunat	DFAD mitluf		

Ġbir ta' data għal irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut

- (7) Kwalunkwe attività tas-sajd madwar irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut inklużi l-qabdiet u l-qabdiet aċċessorji, kemm jekk miżmuma kif ukoll jekk skartati mejtin jew ħajjin.
- (8) Għal kull attività fuq irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut (inklużi t-tiswija, il-konsolidazzjoni tal-intervent, eċċ.), kemm jekk segwita jew le minn kalar jew attivitajiet oħra tas-sajd
- (9) Pożizzjoni (bħala l-lok ġeografiku tal-avveniment (Latitudni u Lonġitudni) fi gradi u minuti)
- (10) Data (bħala JJ/XX/SSSS, jum/xahar/sena)
- (11) Identifikatur tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut (jiġifieri n-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut, l-ID tas-sinjal jew kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tas-sid)."


3. L-Anness 3a jiżdied kif ġej:

"Anness 3a

Disinn u kostruzzjoni ta' rkaptu mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut

Eżempji għat-tfassil u l-użu ta' DFADs


- (1) L-istruttura tal-wiċċ tad-DFAD ma għandhiex tkun mgħottija, jew miksiya biss b'materjal mingħajr malji. L-ebda ċarruta għad-dell jew materjali oħra li jitħabblu bħal xbieki ma għandhom jintużaw fil-kostruzzjoni taċ-ċattra. L-istruttura ta' taħt il-wiċċ tad-DFADs ma għandhiex taqbeż it-tul ta' 50 metru.
- (2) Jekk jintuża komponent taħt il-wiċċ, dan ma għandux ikun magħmul minn xibka iżda minn materjali mingħajr malji bħal ħbula jew folji tal-kanvas.



Didaskalija:

- Baga tal-istrumenti
- Ċattra tal-Wiċċ
- Qafas bijodegradabbli
- Żubrun
- Ħabel prinċipali bijodegradabbli
- Attrattaturi mingħajr malji u bijodegradabbli
- Piż

- *Ċattra ta' taħt il-wieċ*
- *GPS u бага ekosonda*
- *Għata mingħajr malji u bijodegradabbli*
- *Kubu*
- *Żubruni*
- *Ħabel bijodegradabbli*
- *Jelly-FAD*
- *Żubrun tal-wieċ*
- *Kanvas bijodegradabbli mingħajr malji*
- *Żubrun mġaddas*
- *Attrattur ta' taħt il-wieċ*
- *Struttura mġaddsa*
- *Struttura Vertikali*
- *Struttura ta' taħt il-wieċ*



Didaskalija:

- *Kopertura bijodegradabbli li ma tithabbilx*
- *Ċattra tal-bambù*
- *Ħabel*
- *Bambù*
- *Attrattaturi tad-Drapp*
- *Piżijiet*

4. L-Anness 3b jiżdied kif ġej:

“Anness 3b

Kategorizzazzjoni tad-DFAD skont il-livell ta' bijodegradabbiltà tiegħu

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kategoriji tad-DFAD huma identifikati, abbażi tal-grad ta' bijodegradabbiltà tiegħu (minn mhux bijodegradabbli għal 100 % bijodegradabbli), bil-fehim li d-definizzjonijiet rispettivi ma japplikawx għall-bagi elettroniċi li huma mwaħħla mad-DFAD sabiex jiġu traċċati:

Kategorija I. Id-DFAD huwa magħmul minn materjali kompletament bijodegradabbli.

Kategorija II. Id-DFAD huwa magħmul minn materjali kompletament bijodegradabbli ħlief għall-komponenti li jżommu f'wieċ l-ilma (eż. bagi, fowm, sufra tat-tartarun tal-borża).

Kategorija III. Il-parti tas-sottosuperfiċe tad-DFAD hija magħmula minn materjali kompletament bijodegradabbli, filwaqt li l-parti tal-wieċ u kwalunkwe komponent li jżomm

f'wiċċ l-ilma fihom materjali mhux bijodegradabbli (eż. raffja sintetika, qafas metalliku, żubruni tal-plastik, ħbula tan-najlon).

Kategorija IV. Il-parti tas-sottosuperfiċje tad-DFAD fiha materjali mhux bijodegradabbli, filwaqt li l-parti tal-wiċċ hija magħmula minn materjali kompletament bijodegradabbli, ħlief, possibbilment, għal komponenti li jżommu f'wiċċ l-ilma.

Kategorija V. Il-partijiet tal-wiċċ u ta' taħt il-wiċċ tad-DFAD fihom materjali mhux bijodegradabbli.”

5. Fl-Anness 4 tiżdied il-linja li ġejja fit-tabella:

“Mitigazzjoni	Deskrizzjoni	Speċifikazzjoni
Kuperċi tas-sunnara	Għandhom jintużaw kuperċi tas-sunnara, elenkati mill-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Albatri u tal-Kanġi bħala Pariri dwar l-Aħjar Prattika, li jiksu l-ponta u l-garġi tas-snanar bil-lixka biex jiġu evitati qabdiet aċċessorji tat-tjur tal-baħar matul il-kalar.	Il-kuperċi tas-sunnara li jikkonformaw mal-karatteristiċi tal-prestazzjoni li ġejjin. Il-kuperċi għandhom: • jiksu l-ponta u l-garġi tas-sunnara sakemm tilħaq fond ta' mill-inqas 10 m jew tkun ġiet mġaddsa għal mill-inqas 10 minuti; • jissodisfaw l-istandards minimi attwali għall-immażrar tal-brazzol, kif ġej: aktar minn total ta' 45 g imwaħħal sa 1 m mis-sunnara jew; aktar minn total ta' 60 g imwaħħal sa 3,5 m mis-sunnara jew; aktar minn piż totali ta' 98 g imwaħħal sa 4 m mis-sunnara. • ikunu ddisinjati biex jinżammu fuq l-irkaptu tas-sajd minflok ma jintilfu.

“

6. Jiżdied l-Anness 11:

“Anness 11

Standards ta' monitoraġġ elettroniku għas-sajd tal-IOTC

PARTI 1: STANDARDS TAL-PROGRAMM TA' MONITORAĠĠ ELETTRONIKU TAL-IOTC

Ġenerali

Il-Programmi Nazzjonali/Reġjonali għall-għbir tad-data li jużaw Sistemi ta' Monitoraġġ Elettroniku (EMS) li huma ċċertifikati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera bħala li jissodisfaw l-istandards minimi tal-Programm ta' Monitoraġġ Elettroniku (EMP) kif adottati mill-IOTC jistgħu jiġu inklużi fil-Programm Reġjonali ta' Monitoraġġ Elettroniku (REMP, Regional Electronic Monitoring Program) tal-IOTC.

Miri

L-objettiv tar-REMP tal-IOTC huwa li tinġabar, permezz tal-EMS, data vverifikata dwar il-qabdiet u data xjentifika oħra relatata mas-sajd għat-tonn u għal speċijiet simili għat-tonn fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC u li tinkiseb il-kopertura tal-osservatur/tar-rieżami tal-EM biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-Riżoluzzjoni tal-IOTC dwar l-Iskema tal-Osservaturi Reġjonali (ROS, Regional Observer Scheme).

Skop:

L-iskop tar-REMP tal-IOTC huwa li jippermetti lill-Istati Membri jużaw l-EMS biex jiġbru data biex jassistu lill-UE tissodisfa r-rekwiżiti tar-Riżoluzzjoni tal-IOTC dwar l-Iskema ta' Osservaturi Reġjonali, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn il-kopertura tal-osservaturi abbord tkun baxxa jew ma teżistix.

Ir-REMP għandu l-għan li jtejjeb il-kwantità u l-kwalità tad-data dwar is-sajd u l-monitoraġġ tas-sajd tal-IOTC u jindirizza l-lakuni fil-għir u l-verifika tad-data dwar is-sajd. Fil-futur, ir-REMP jista' wkoll jgħin lill-Istati Membri jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' obbligi oħra.

Kamp ta' applikazzjoni:

Ir-REMP tal-IOTC jipprovdi qafas għall-iżvilupp tal-EMS fis-sajd tal-IOTC li ġej:

- Bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża b'tul totali ta' aktar minn 24 metru u inqas minn 24 metru LOA meta jistadu barra miż-ŻEE tagħhom,
- Bastimenti tas-sajd bil-konz b'tul totali ta' aktar minn 24 metru u inqas minn 24 metru LOA meta jistadu barra miż-ŻEE tagħhom,
- Bastimenti bl-għeżul b'tul totali ta' aktar minn 24 metru u inqas minn 24 metru LOA meta jistadu barra miż-ŻEE tagħhom,
- Bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xolfa b'tul totali ta' aktar minn 24 metru u inqas minn 24 metru LOA meta jistadu barra miż-ŻEE tagħhom,
- Tipi oħra ta' rkaptu b'tul totali ta' inqas minn 24 metru (meta jsir sajd fl-ibħra internazzjonali).

Ir-REMP tal-IOTC jew kwalunkwe EMP Nazzjonali, skont ir-REMP tal-IOTC, għandhom jiżguraw li d-data miġbura permezz tal-EMS tiġi ddokumentata u li r-rekwiżiti standard minimi tad-data kollha tar-ROS (eż., "Rapportar Obbligatorju"), jekk meħtieġ ikkomplementati bi kwalunkwe programm ta' monitoraġġ addizzjonali (eż., kampjunar fil-port, kampjunar bijoloġiku, eċċ.), jinġabru mill-EMS.

Definizzjonijiet:

Teknoloġiji Elettroniċi (ET, Electronic Technologies): kwalunkwe għodda elettronika li tintuża biex tappoġġa l-għir ta' data dipendenti fuq is-sajd, kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar, inkluż ir-rapportar elettroniku (ER, electronic reporting) u l-EM (EM, electronic monitoring).

Rapportar Elettroniku (ER): l-użu ta' sistemi elettroniċi (applikazzjoni, software, formola jew fajl) biex tiġi rreġistrata, maħżuna, riċevuta u trażmessa data dwar is-sajd.

Monitoraġġ: ir-rekwiżit għall-għir kontinwu ta' data relatata mas-sajd.

Monitoraġġ Elettroniku (EM): l-użu ta' apparat elettroniku biex jiġu rreġistrati l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd bl-użu ta' teknoloġija tal-vidjo marbuta ma' Sistema ta' Pożizzjonament Globali (GPS, Global Position System), li tista' tinkludi sensuri.

Programm tal-EM: proċess amministrat minn amministrazzjoni nazzjonali jew reġjonali li jirregola l-użu tal-EMS fuq il-bastimenti biex tinġabar u tiġi vverifikata d-data u l-informazzjoni dwar is-sajd

permezz ta' implimentazzjoni ta' EMS f'żona u/jew f'sajd definiti.

Standards tal-Programm tal-EM: l-istandards, l-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri miftiehma (SSP, standards, specifications and procedures) li jirregolaw l-istabbiliment u t-tħaddim ta' Programm tal-EM, applikabbli għall-komponenti kollha tal-EMS.

Standards tad-data tal-EM: is-subsett maqbul tar-rekwiżiti tad-data mill-Iskema tal-Osservaturi Reġjonali (ROS) tal-IOTC li jista' jinġabar mill-EMS.

Rekords tal-EM: Immaġnijiet, u possibbilment sensur, jew data mhux ipproċessata marbuta ma' data pożizzjonali miġbura minn tagħmir tal-EM li tista' tiġi rieżaminata biex tiġi prodotta data tal-EM.

Data tal-EM: data pproċessata/analizzata prodotta permezz tar-rieżami tar-rekords tal-EM li tikkonforma mal-istandards tad-data tal-EM.

Tagħmir tal-EM: network ta' kameras elettroniki, sensuri u apparati għall-ħżin tad-data installati fuq bastiment u użati biex jirreġistraw l-attivitajiet tal-bastiment.

Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMP): Il-karatteristiċi tat-tagħmir tal-EM tal-bastiment u kif it-tagħmir tal-EM tal-bastiment jiġi installat u kkonfigurat biex jimmonitorja l-attivitajiet tas-sajd u jissodisfa l-Programm tal-EM u l-Istandards tad-Data tal-EM kif meħtieġ mill-Programm Reġjonali ta' Monitoraġġ Elettroniku tal-IOTC.

Rieżami tal-EM: ir-rieżami tar-rekords tal-EM mill-osservaturi/analizzaturi tal-EM biex jipproduċu d-data tal-EM.

Osservatur/analizzatur tal-EM: persuna kkwalifikata biex tirrieżamina r-rekords tal-EM, taħżen u tipproduċi data tal-EM f'konformità mal-istandards tad-data u l-proċedura ta' analiżi tal-EM.

Sistema ta' rieżami tal-EM: software ta' applikazzjoni użat mill-osservatur tal-EM biex jirrieżamina r-rekords tal-EM u jipproduċi d-data tal-EM pproċessata skont l-istandards tad-data tal-EM.

Ċentru tar-rieżami tal-EM: faċilità tal-uffiċċju lokali, nazzjonali jew reġjonali fejn ir-rekords tal-EM jiġu riċevuti u rieżaminati biex jipproduċu u jaħżnu d-data tal-EM.

Fornitur tar-rieżami tal-EM: fornitur terz ta' servizzi ta' rieżami tal-EM biex jirrevedi r-rekords tal-EM biex jipproduċi d-data tal-EM. L-istess organizzazzjoni ta' parti terza tista' tipprovdi kemm it-tagħmir tal-EM kif ukoll is-servizzi ta' rieżami tal-EM iżda dawn jistgħu jiġu pprovduti wkoll minn fornituri differenti.

Kopertura tal-installazzjoni tal-EM: il-proporzjon ta' bastimenti skont il-flotta li għandhom tagħmir tal-EM installat li huwa operazzjonali.

Kopertura tar-rekords tal-EM: il-proporzjon tal-isforz tas-sajd li għalih jinġabru r-rekords tal-EM permezz ta' tagħmir tal-EM installat.

Kopertura tal-osservatur/tar-rieżami tal-EM: il-proporzjon tal-isforz tas-sajd li għalih jiġu rieżaminati r-rekords tal-EM biex tiġi prodotta data tal-EM u tiġi sottomessa lill-IOTC.

Fornitur tas-servizz tal-EM: fornitur terz tat-tagħmir (u/jew sistema) tal-EM, servizzi tekniċi u loġistiċi għall-manutenzjoni tat-tagħmir tal-EM u biex jimmonitorja l-funzjonament xieraq tiegħu.

Sistemi tal-EM (EMS, Electronic Monitoring Systems)

L-EMS għandhom jiġu approvati u akkreditati minn korp xieraq tal-IOTC (eż., Grupp ta' Ħidma *Ad hoc* tal-IOTC dwar l-Iżvilupp ta' Standards tal-Programm ta' Monitoraġġ Elettroniku, Grupp ta' Ħidma tal-IOTC dwar il-Ġbir tad-Data u l-Istatistika (WPDCS)) jew Stati Membri biex jiġi żgurat li l-istandards minimi tar-REMP (u r-ROS) jiġu ssodisfati, inkluż l-installazzjoni tat-tagħmir tal-EM (permezz ta' Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti ta' Monitoraġġ Elettroniku), il-ġbir ta' data konsistenti mal-istandards minimi tad-data tar-ROS, ir-rekords tal-EM rieżaminati minn kumpaniji/organizzazzjonijiet akkreditati u l-indipendenza tal-EMS tinżamm. F'każ li l-IOTC

tapprova l-EMS, l-Istat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni kopji tal-VMP ta' kull bastiment u l-Kummissjoni se tippreżenta lill-Kumitat Xjentifiku, bħala anness għar-Rapporti tal-UE lill-Kumitat Xjentifiku, ħarsa ġenerali fil-livell tal-flotta tal-VMPs tal-UE.

Data:

Id-data tal-EM sottomessa mill-EMPs Reġjonali jew Nazzjonali hija soġġetta għar-Risoluzzjoni 12/02 *Dwar il-politika u l-proċeduri tal-kunfidenzjalità tad-data* li tikkonċerna r-rekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-data fid-dominju pubbliku (eż. il-livell ta' stratifikazzjoni li għandu jiġi applikat sabiex jiġi evitat li l-attività minn bastiment wieħed tiġi identifikata b'mod ċar mid-data ppubblikata) u l-proċeduri għas-salvagwardja tar-rekords.

Id-data tal-EM miġbura permezz tal-EM għandha tiġi pprovduta f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti mill-IOTC fir-Risoluzzjoni 15/01 *Dwar ir-reġistrazzjoni tad-data dwar il-qabdiet u l-isforz mill-bastimenti tas-sajd fiż-żona ta' kompetenza tal-IOTC*, ir-Risoluzzjoni 15/02 *Dwar ir-rekwiżiti obbligatorji ta' rapportar statistiku għall-Partijiet Kontraenti tal-IOTC u l-Partijiet Mhux Kontraenti li jikkooperaw (PKK) u r-Risoluzzjoni tal-Osservaturi tal-IOTC dwar l-Iskema tal-Osservaturi Reġjonali*.

Id-data tal-EM għandha tiġi sottomessa lill-IOTC f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-format elettroniku tad-data pprovduti mis-Segretarjat tal-IOTC u adottati mill-IOTC, sabiex id-data tiġi inkorporata fil-bażi tad-data tal-Iskema tal-Osservaturi Reġjonali tal-IOTC. Id-data tal-EM għandha tiġi mmarkata kif xieraq fil-bażi tad-data u din għandha tiġi distinta mid-data miġbura permezz tal-osservaturi umani abbord.

Operazzjonalizzazzjoni tar-REMP tal-IOTC – Akkreditazzjoni u Awditjar ta' EMPs Nazzjonali

L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-Kummissjoni tapplika mas-Segretarjat tal-IOTC biex il-Programm tal-EM Nazzjonali tagħha jiġi rikonxxut bħala parti mir-REMP tal-IOTC sabiex jikkonforma mal-istandards minimi tad-data tar-ROS.

L-IOTC għandha tawditja l-Programmi tal-EM Nazzjonali skont l-istandards minimi tal-EM.

Il-Programmi tal-EM Nazzjonali għandhom jiġu rieżaminati u soġġetti għal awditi regolari u perjodiċi kif miftiehem mill-IOTC.

L-IOTC tista' tawtorizza Programmi tal-EM Nazzjonali approvati minn RFMOs oħra tat-tonn.

PARTI 2: Sistema ta' monitoraġġ elettroniku u standards tad-data tal-IOTC

1. STANDARDS TEKNIĊI MINIMI TA' EM

L-Istandards Tekniċi Minimi għandhom jiddeskrivu r-rekwiżiti ta' EM. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħmir kollu tal-EM installat fil-programmi nazzjonali jew subreġjonali tagħhom ikun konsistenti ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Personalizzati għal-livell tal-bastiment: ma hemm l-ebda konfigurazzjoni standard li tkopri l-bastimenti kollha mill-flotot li joperaw fir-reġjun tal-Oċean Indjan, għalhekk kull installazzjoni ta' tagħmir tal-EM trid tiġi personalizzata fil-livell tal-bastiment. It-tagħmir tal-EM li għandu jiġi installat abbord bastiment tas-sajd għandu jikkonsisti minn sistema ta' kontroll li toħloq konnessjoni bejn għadd ta' kameras, u b'mod fakultattiv ma' għadd ta' sensuri differenti, biex jinġabru u jiġu rreġistrati immaġnijiet sabiex jiġu indirizzati l-miri tal-Programm tal-EM. L-għadd ta' kameras u sensuri għandu

jifassal apposta għal kull bastiment permezz ta' Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti biex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali tal-programm minflok ma jkun preskrittiv wisq u dan għandu jinkludi għadd suffiċjenti ta' kameras. Għalkemm se jiddependi fuq il-konfigurazzjoni ta' kull bastiment partikolari, bħala arranġament ġenerali, il-kameras għandhom ikopru ż-żoni u l-attivitajiet previsti fit-Tabella 1 u 2 u fl-Illustrazzjoni 1 sa 3 tal-Parti 3 ta' dan l-Anness 11⁵. Kull bastiment għandu jiżviluppa "Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti" li jispeċifika kemm hemm u fejn jinsabu l-kameras, u l-konfigurazzjonijiet tagħhom, biex jinġabru l-kampijiet tad-data "obbligatorji" minimi tar-ROS meħtieġa. Il-ġbir ta' xi wħud mill-istandards minimi tad-data tar-ROS meħtieġa jista' jiġi kkomplementat minn kampjunar fil-port u/jew metodi oħra ta' ġbir tad-data kif deskritt fil-Kamp tal-Ġbir tad-Data tal-Iskema tal-Osservaturi Reġjonali tal-IOTC⁶. Fi ħdan programm tal-EM partikolari, jista' jkun meħtieġ ukoll ċertu livell ta' armonizzazzjoni fost il-bastimenti (it-tqegħid u l-konfigurazzjonijiet tal-kamera).

Jinkludu tagħmir tas-sensur/awtomatiku: peress li r-rekords tal-EM jeħtieġu kapaċitajiet kbar ta' ħżin, il-biċċa l-kbira tal-EMS mhumieq qed jirreġistraw l-attivitajiet tal-bastimenti fuq bażi full-time. Ir-reġistrazzjoni ta' xi kameras tista' tiġi attivata permezz tad-detezzjoni tal-użu tal-irkaptu jew tal-attività tas-sajd. L-EMS tista' għalhekk tinkludi sensuri, u proċeduri oħra (Kamp Viżiv Kompjuterizzat, Intelliġenza Artifiċjali), biex jiġi identifikat meta jseħħu abbord is-sajd jew attivitajiet oħra ta' interess. Dan se jiżgura l-akkwist xieraq tar-rekords tal-EM (eż. skattar tar-reġistrazzjoni bil-vidjo meta tibda l-operazzjoni tas-sajd) u jiffaċilita r-rieżami tar-rekords tal-EM.

Jinkludu s-Sistema ta' Pożizzjonament Globali (GPS): dan huwa meħtieġ għall-monitoraġġ tal-pożizzjoni, ir-rotta, il-veloċità tal-bastiment u l-ġhoti ta' informazzjoni dwar id-data/il-ħin u l-post tal-attivitajiet tas-sajd. Il-pożizzjoni tal-bastiment tas-sajd u t-timbri tad-data/tal-ħin għandhom jiġu inkorporati direttament fl-immāgnijiet jew fil-metadata tal-immāgnijiet.

Kompatibbiltà: idealment, l-EMS għandha tkun kapaċi tintegra ma' għodod oħra ta' Monitoraġġ, Kontroll u Sorveljanza (MCS, Monitoring, Control and Surveillance) (eż. Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti).

Sistema Robusta: il-komponenti tat-tagħmir tal-EM installati fuq barra (bħal kameras/għata tal-kamera u sensuri) għandhom ikunu kapaċi jirreżistu kundizzjonijiet ħorox fuq il-baħar u ambjent aħrax abbord il-bastimenti.

Sistema Sigura: il-komponenti tat-tagħmir tal-EM u d-data jeħtieġ li jkunu reżistenti għat-tbagħbis u li juru kull tbagħbis possibbli, idealment bl-użu ta' data kriptata, b'tali mod li t-tentattivi ta' modifiki mhux awtorizzati ma jkunux possibbli.

Kameras: huma rakkomandati kameras diġitali, b'riżoluzzjoni għolja, fejn possibbli, li jkopru ż-żoni kollha ta' interess fuq il-bastiment skont il-bastiment u l-operazzjonijiet tas-sajd. It-tqegħid, il-konfigurazzjonijiet u r-reġistrazzjoni tal-kameras iridu jiżguraw id-detezzjoni tal-attivitajiet tal-bastimenti, tal-qabdiet u tal-ispeċijiet tal-qabdiet aċċessorji, u jippermettu identifikazzjoni preċiża tal-ispeċijiet (mill-inqas għall-ispeċijiet kollha taħt il-mandat tal-IOTC). Is-sistema għandha tkun kapaċi tirreġistra attivitajiet f'kundizzjonijiet ta' dawl naturali baxx u jgħajjat ħafna (kuntrasti baxxi u għoljin). Il-kameras għandhom ikunu reżistenti għall-ilma u f'kaxxa awtonoma u reżistenti għat-temp.

⁵ L-Anness 3 jenħtieġ li jittieħed bħala gwida ġenerali peress li huma eżempji ta' installazzjonijiet eżistenti tal-EMS. Il-konfigurazzjoni tal-EM (l-għadd ta' kameras, il-pożizzjoni, u l-oġġettivi ta' monitoraġġ għal kull waħda minnhom) jenħtieġ li mbagħad titfassal għal kull sajd/bastiment permezz ta' Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti.

⁶ Il-kapaċitajiet tal-EM biex jinġabru l-oqsma minimi tar-rekwiżiti tad-data tar-ROS (<https://iotc.org/documents/ROS/DataStandards>) jistgħu jvarjaw minn flotta għal oħra jekk il-manipulazzjoni tal-qabdiet u l-manuvri tal-kalar/ġbir ikunu differenti bejn il-flotot. Għalhekk, dawn il-valuri jenħtieġ li jitqiesu bħala gwida ġenerali u jkunu soġġetti għal rieżami kostanti.

Rekords tal-EM: Ir-rekords tal-EM għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja: L-isem tal-fajl tar-reġistrazzjoni tal-EM li jinkludi, bħala minimu, l-isem tal-bastiment u l-ID tal-bastiment, l-ID tal-kamera, l-ID tal-vjaġġ, id-data tal-ġeolokalizzazzjoni (id-data, il-ħin (UTC), il-latitudni u l-lonġitudni), l-istatus tar-reġistrazzjoni tal-kamera, l-istatus tas-saħħa tal-EM (meta disponibbli), l-immaġnijiet, u d-data tas-sensur meta jintuża.

Indipendenza: is-sistema jeħtieġ li tkun awtonoma bl-eċċezzjoni ta' manutenzjoni minima mill-ekwipaġġ (eż. tindif tas-sensuri u tal-kameras). Is-sistema tista' tinkludi verifika mill-bogħod tal-funzjonalità tagħha f'ħin reali biex tinġabar l-informazzjoni kollha. Persuna deżinjata għandha tiżgura li s-sistema tkun qed taħdem sew qabel it-tluq mill-port u fuq il-baħar, u għandu jeżisti protokoll (lista ta' kontroll) għal dak l-għan.

Ebda interferenza: It-tagħmir tal-EM ma għandux jiġġenera jew jikkawża interferenza fil-frekwenza tar-radju ma' apparat ieħor abbord tal-komunikazzjoni, tan-navigazzjoni, tas-sikurezza, tal-ġeolokalizzazzjoni (eż. VMS) tal-bastiment jew mat-tagħmir tas-sajd.

Awtonomija: it-tagħmir tal-EM għandu jkollu l-provvista tal-enerġija tiegħu stess mingħajr interruzzjoni jew għandu jkun imqabba ma' dik tal-bastiment biex jiġi żgurat li jkun jista' jaħdem anki fil-każ ta' qtuġħ tal-elettriku mill-bastiment. It-tagħmir tal-EM għandu jinkludi apparati separati u duplikati ta' backup biex jiġi żgurat li d-data ma tintilifx jekk l-apparat għall-ħżin ma jaħdimx.

Awtonomija tal-ħżin tad-data tal-EM: it-tagħmir tal-EM għandu jkollu biżżejjed kapaċità ta' ħżin biex jaħżen ir-rekords kollha tal-EM għal ċertu perjodu ta' żmien, li għandu jkun mill-inqas vjaġġ sħiħ. It-tul ta' żmien jiddependi fuq il-karatteristiċi operattivi tal-bastiment li jistgħu jvarjaw minn 4 xhur (fil-każ tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża) sa 12-il xahar jew aktar (fil-każ tal-bastimenti tas-sajd bil-konz).

Interoperabbiltà: Idealment, l-EMS għandha tiġġenera rekords tal-EM li jkunu interoperabbli bejn fornituri differenti ta' servizzi tal-EM u tar-rieżami u, fejn possibbli, tintegra ma' għodod oħra ta' ġbir u monitoraġġ tad-data.

Manutenzjoni: persuna deżinjata abbord (u/jew fuq l-art) għandha tiġi deżinjata għall-manutenzjoni tat-tagħmir (eż., tindif tal-lentijiet, eċċ.) u tirrapporta lill-fornitur tat-tagħmir tal-EM u lill-awtorità kompetenti (eż., l-IOTC jew l-istat tal-bandiera) meta s-sistema ma tkunx qed taħdem fil-port jew fuq il-baħar sabiex is-sistema tiġi msewwija malajr kemm jista' jkun, u għandha tirreġistra kwalunkwe ħsara fit-tagħmir tal-EM f'formola ddedikata.

2. STANDARDS MINIMI LOĖISTIĊI TAL-EM

Irkupru tar-rekords tal-EM: ir-rekords tal-EM għandhom jiġu trazzmessi permezz tal-iskambju ta' networks mobbli, Wi-Fi, jew satellita, jew apparat għall-ħżin (jiġifieri SSD jew HDD). Għal dan tal-aħħar, għandu jiġi implimentat ukoll protokoll biex l-apparati għall-ħżin jiġu rkuprati u jintbagħtu liċ-ċentru tar-rieżami tal-EM deżinjat.

ħżin tar-rekords tal-EM: ir-rekords tal-EM għandhom jinħażnu mill-bastiment/kumpanija/fornitur tas-servizz tal-EM/fornitur tar-rieżami tal-EM/amministratur tal-programm tal-EM għal mill-inqas sena jew għall-perjodu stabbilit fil-programmi tal-EM nazzjonali/reġjonali.

Backup tar-rekords tal-EM: jekk ir-rekords tal-EM jiġu trażmessi awtomatikament b'mod elettroniku, il-proċeduri operazzjonali għall-wasla u l-backup tagħhom għandhom jiġu implimentati filwaqt li jitqies kwalunkwe arranġament meħtieġ tal-katina tal-kustodja.

Katina tal-kustodja tal-apparat għall-ħżin: l-EMS trid tiżgura t-traċċabbiltà ta' kull apparat għall-ħżin u rekords tal-EM. Il-katina tal-kustodja tal-apparati għall-ħżin tal-EMS għandha tiġi żgurata.

Frekwenza: Il-programmi tal-EM għandhom jinkludu rekwiżiti dwar il-metodu u l-frekwenza (eż. wara kull vjaġġ) tat-trażmissjoni tar-rekords tal-EM liċ-ċentri tar-rieżami tal-EM, li għandhom ikunu konsistenti mal-istandards minimi stabbiliti mill-Istat Membru, mill-UE jew mill-IOTC.

3. STANDARDS MINIMI TAR-RIEŻAMI TAD-DATA TAL-EM

Software ta' rieżami tal-EM: L-EMS għandha tinkludi software biex tiffaċilita r-rieżami tar-rekords tal-EM u biex tipproduċi data tal-EM li se tippermetti l-kompilazzjoni u r-rapportar f'format komuni tal-output tal-IOTC għall-iskambju/għas-sottomissjoni lill-IOTC. Idealment, is-software ta' rieżami tal-EM jista' jintuża biex jiġu rieżaminati r-rekords tal-EM miġbura minn fornituri differenti tat-tagħmir ta' EM.

Rieżami tal-EM u rapportar tad-data tal-EM: Ir-rieżami tar-rekords tal-EM u r-rapportar tad-data tal-EM għandhom isiru minn istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet u kumpaniji indipendenti b'għarfien espert u esperjenza ppruvati (eż., esperjenza ta' xogħol ma' osservaturi abbord). Dawn il-kompiti jistgħu jiġu ċentralizzati f'"ċentru reġjonali tar-rieżami tal-EM" meta jiġi implimentat programm reġjonali u/jew jistgħu jitwettqu minn organizzazzjonijiet nazzjonali jew indipendenti.

Rekords tal-EM u verifika tal-kwalità tad-data tal-EM: il-proċess ta' rieżami tar-rekords tal-EM għandu jinkludi kontrolli tal-kwalità permezz ta' verifika tal-kwalità tar-rekords tal-EM, kontrolli tad-dħul tad-data tal-EM, identifikazzjoni awtomatika possibbli tal-iżbalji fid-data tal-EM (eż. pożizzjonijiet skorretti tal-kalar tas-sajd fuq l-art, eċċ.), għoti ta' informazzjoni lill-osservaturi tal-EM. Id-data tal-EM prodotta għandha tiġi vverifikata qabel ir-rapportar lis-Segretarjat tal-IOTC.

Data tal-EM: L-EMS għandha tippermetti l-ġbir u r-rapportar, bħala minimu, tal-Kampijiet Standard Minimi tad-Data tar-ROS. Id-data tal-EM għandha tiġi sottomessa lis-Segretarjat tal-IOTC bl-użu ta' formoli standard tal-IOTC skont il-perjodu ta' żmien speċifikat fir-Riżoluzzjoni 22/04, jew kwalunkwe Riżoluzzjoni li tissostitwixxi. Ir-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tad-data deskritti fir-Riżoluzzjoni 12/02, Politika u Proċeduri dwar il-Kunfidenzjalità tad-Data, jew kwalunkwe Riżoluzzjoni li tissostitwixxi, għandhom japplikaw għad-data kollha tal-EM sottomessa lis-Segretarjat tal-IOTC.

Taħriġ tal-osservaturi tal-EM: L-osservaturi tal-EM jrid ikollhom kwalifiki speċifiċi relatati mar-rieżami tar-rekords tal-EM li għandhom jiġu integrati fl-istandards reġjonali jew nazzjonali tal-programm tal-EM. L-osservatur tal-EM għandu jipparteċipa f'kursijiet ta' taħriġ speċjalizzati li għandhom jiġu aġġornati mal-modifika tal-protokoll ta' rieżami tal-EM biex jiġu żgurati standards ta' kwalità għolja tad-data tal-EM.

Kwalifiki tal-osservatur tal-EM: L-osservaturi tal-EM jrid ikollhom il-kapaċità li jirrieżaminaw ir-rekords tal-EM u jipproduċu d-data tal-EM skont ir-rekwiżiti tal-IOTC. L-osservaturi tal-EM għandhom ikunu familjari mal-attivitàjiet tas-sajd u jkunu kapaċi jidentifikaw (i) l-ispeċijiet tal-IOTC u l-ispeċijiet ta' interess speċjali, (ii) il-metodi tas-sajd tal-IOTC, u (iii) il-metodi ta' mitigazzjoni tal-IOTC.

Kompatibbiltà mal-fluss tad-data u l-bażijiet tad-data standardizzati li għaddejjin bħalissa: Id-data tal-EM għandu jkollha format tal-output kompatibbli (inkluż l-użu ta' listi ta' kodiċijiet standardizzati u stabbiliti sew) għall-iskambju ta' informazzjoni miġbura fil-format u l-istandards attwali tar-rapportar tad-data tal-IOTC, u għandha tkun konsistenti mar-regoli tad-data tal-IOTC. Id-data tal-EM għandha tiġi sottomessa f'format elettroniku approvat għar-rapportar tad-data lis-Segretarjat tal-IOTC, bl-użu ta' kodiċijiet u unitajiet standard tal-IOTC.

Ħżin u żamma tad-data: id-dispożizzjonijiet legali dwar il-protezzjoni, il-ħżin u ż-żamma tad-data mill-IOTC għandhom jiġu żviluppati u miftiehma kemm fil-każ ta' Programmi Nazzjonali REMP jew ta' EM.

Sjieda tar-rekords tal-EM: Is-sjieda tar-rekords tal-EM hija tas-sid tal-bastiment/tal-Istat tal-bandiera iżda għandha tipprovdi lill-IOTC bl-outputs tad-data tal-EM biex tinkorpora fil-bażi tad-data tal-IOTC għall-użu, l-analiżi u r-rimi kif meħtieġ mir-Riżoluzzjoni dwar l-Iskema tal-Osservaturi Reġjonali tal-osservaturi tal-IOTC.

Sjieda ta' hardware/software: irrISPettivament mill-kamp ta' applikazzjoni tal-programm tal-EM, huwa rrakkomandat li s-sjieda (u l-manutenzjoni) tal-liċenzja tal-hardware u tas-software tkun tas-sid tal-bastiment/tal-Istat tal-bandiera.

PARTI 3: PJANIJIET TA' MONITORAĠĠ TAL-BASTIMENTI (VMP)

Kull bastiment għandu jiżviluppa "Pjan ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti" sabiex jiddeskrivi l-għadd ta' kameras li jinsabu biex jinġabru l-kampijiet tad-data minimi meħtieġa tar-ROS, il-pożizzjoni u l-konfigurazzjonijiet, u ż-żoni ewlenin li għandhom jiġu mmonitorjati għall-attivitajiet tas-sajd, il-manipulazzjoni tal-qabdiet, l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet, l-istatus u l-ħżin tal-eżemplari. Il-VMP għandu jiġi żviluppat f'kollaborazzjoni bejn il-fornitur tas-servizz ta' EM, is-sid tal-bastiment u l-awtoritajiet tas-sajd.

Il-VMPs għandhom jiġu ffirmati mis-sid tal-bastiment u finalment approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, u wara dan jiġu ppreżentati lill-WGEMS/WPDCS biex jiġi żgurat li jissodisfaw il-Programm REMP tal-IOTC u l-istandards tas-Sistema u tad-Data tal-EM.

Il-VMP għandu jinkludi informazzjoni dwar:

- Informazzjoni ta' kuntatt: informazzjoni ta' kuntatt għas-sid tal-bastiment, l-operatur tal-bastiment u l-fornitur tas-servizz tal-EM sakemm idum il-kuntratt.
- Informazzjoni ġenerali dwar il-bastiment: informazzjoni bażika dwar il-bastiment u l-attivitajiet u l-operazzjonijiet tas-sajd tiegħu (eż., l-isem tal-bastiment, in-numru tar-reġistrazzjoni, speċijiet fil-mira, iż-żoni, l-irkaptu tas-sajd, LOA...).
- It-tqassim tal-bastiment: tagħmir tal-bastiment b'informazzjoni dettaljata, pjan tad-dispożizzjoni tal-bastiment u żoni differenti (gverti, żona tal-ipproċessar, ħżin, eċċ.).
- Konfigurazzjoni tat-tagħmir tal-EM: deskrizzjoni tal-konfigurazzjonijiet tat-tagħmir tal-EM, bħall-ħinijiet tal-operazzjoni, l-għadd ta' kameras u ż-żoni koperti, ir-reġistrazzjoni tal-ħin għal kull kamera, l-għadd u l-pożizzjoni tas-sensuri (jekk ikun hemm), is-software użat, il-post tal-kaxxa tal-kontroll, il-proċeduri għall-verifika tal-funzjonament xieraq tat-tagħmir tal-EM installat abbord, eċċ.

- Għandha tiddaħħal stampa ta' kull kamera fil-VMP.
- Reġistrazzjoni fuq kull bastiment tal-karatteristiċi tat-tagħmir tal-EM tal-bastiment u kif it-tagħmir tal-EM tal-bastiment jiġi ottimizzat biex jissodisfa l-Istandards tas-Sistema tal-EM u tad-Data.

Fuq il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, iż-żoni minimi li l-kameras huma rakkomandati li jkopru:



- il-gverta tas-sajd (kemm bord ix-xellug kif ukoll bord il-lemin),
- l-ixkora tax-xibka u l-kopp
- iż-zannur tal-pruwa jew in-nofsana tal-bastiment (eż., l-attività tal-FAD),
- u l-gverta tal-istiva u ċ-ċinturin trasportatur (Murua et al., 2022; Restrepo et al., 2018): għaċ-ċinturin trasportatur, f'aktar minn post wieħed (eż. fil-bidu u fit-tarf ta' ċ-ċinturin trasportatur bħala minimu). Jekk jeżisti ċinturin trasportatur għall-iskartar, dan għandu jkun kopert ukoll.
- Il-kameras iridu jkopru l-azzjonijiet li ġejjin: il-kalar tas-sajd, l-irfiġh bil-kopp, l-irfiġh tax-xbieki, l-attivitajiet tal-FAD, il-qabda totali, l-issortjar tal-qabdiet fl-istiva (il-proċess tat-tqegħid tal-qabdiet fl-istiva jew fl-istivi), il-manipulazzjoni u r-rilaxx tal-qabdiet aċċessorji, u tat-tonn skartat (l-Illustrazzjoni 1 u t-Tabella 1).
- F'tartaruni tal-borża kbar, huma meħtieġa mill-inqas sitt kameras biex ikopru l-attivitajiet tas-sajd u l-manipulazzjoni tal-ħut; madankollu, inqas kameras (eż. 4 kameras) jistgħu jkopru l-attività biex tinġabar id-data meħtieġa minn tartaruni tal-borża iżgħar (eż. kapaċità ta' 300-400 tonnallata).

Il-konfigurazzjoni ppreferuta tat-tagħmir tal-EM tkun dik li tippermetti għadd akbar ta' immaġnijiet (frames) ta' kwalità/riżoluzzjoni oġhla. Il-vidjo diġitali huwa ġeneralment ippreferut, iżda l-immaġnijiet fissi jistgħu jkunu wkoll għażla vijabbli biex tinġabar l-informazzjoni matul id-diversi fażijiet tal-attività tal-bastiment. Madankollu, meta jitqies li l-kapaċità tal-ħżin hija limitata, konfigurazzjoni ottimali jista' jkollha vidjo ta' ċerti żoni/kameras/mument, filwaqt li xorta waħda jkun għad hemm ritratti fuq oħrajn. Fil-każ ta' ritratti, ir-rekwiżit minimu għandu jkun li stampa tittieħed mill-kamera b'angolu ta' osservazzjoni li jkopri bis-sħiħ iż-żoni tal-manipulazzjoni tal-ħut mill-inqas kull 2 sekondi meta sseħħ l-azzjoni tas-sajd (Restrepo et al., 2018). Il-kwalità tal-immaġni għandha wkoll tkun adegwata biżżejjed biex tippermetti l-għbir preċiż tal-qasam tad-data kollu meħtieġ, bħall-ID tal-ispeċi, il-materjali u d-disinn tal-FAD, jew il-lixka użata u, b'hekk, jintlaħqu l-oġettivi tal-monitoraġġ.

Kwalunkwe bidla fiżika fuq bastiment li se taffettwa l-EMS għandha tiġi rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera. Il-VMP għandu jiġi aġġornat u approvat mill-ġdid mill-awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun.

Kwalunkwe bidla fit-tagħmir tal-EM (bħall-installazzjoni ta' ġenerazzjoni ġdida ta' kameras) għandha tiġi rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera. Il-VMP għandu jiġi aġġornat u approvat mill-ġdid mill-awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun.

A



B



Didaskalija:

- Kamera panoramika: attività tal-madwar
- Kamera tal-qoffa tal-vedetta: gverta tas-sajd
- Kamera tal-pruwa: attività tal-krejn, kamp viżiv parzjali tat-tartarun
- Kamera ta' bord il-lemin: qabdiet aċċessorji u skartar tal-ħut
- Kamera tal-irfiġh bil-kopp: L-irfiġh bil-kopp u l-borża
- Metodu għar-rilaxx tal-qabdiet aċċessorji
- Identifikazzjoni tal-iskartar
- Qabdiet u status
- Verifika ta' prattiki tajbin
- Kampjunar tal-qabda
- Kejl tal-ispeċijiet il-kbar
- Deskrizzjoni tal-qabda u rilaxx tal-qabdiet aċċessorji mill-kopp

- *Rilaxx tal-ispeċijiet fix-xibka*
- *Kamp viżiv mill-qrib tal-borża jippermetti li tiġi identifikata l-kundizzjoni tal-ispeċijiet li ma jkunux inħattu l-art mar-rilaxx u/jew mal-qabdi skartati*




Illustrazzjoni 1. (A) Eżempju ta' sistema tal-EM b'6 kameras installata fuq bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża li tkopri ż-żoni ewlenin tal-operazzjonijiet tas-sajd u tal-manipulazzjoni tal-ħut (minn Murua et al., 2020b) u (B) sistema tal-EM b'7 kameras (erbgħa fil-gverta ta' fuq u tlieta fil-gverta tal-istiva) installata f'bastiment bit-tartarun tal-borża li tkopri ż-żoni prinċipali tal-operazzjonijiet tas-sajd u tal-ġestjoni tas-sajd inkluża kamera waħda oħra fiċ-ċinturin trasportatur: (B1) Kamera b'perspettiva panoramika 360° (eż. kamp viżiv ta' bord ix-xellug), (B2) Kamera b'perspettiva tal-poppa tal-qoffa tal-vedetta, (B3) Kamera b'perspettiva tal-krejn tal-gverta tas-sajd, (B4) Kamera b'perspettiva taz-zannur tal-pruwa, (B5) Kamera b'perspettiva tal-poppa taċ-ċinturin trasportatur, (B6) Kamera b'perspettiva tan-nofs taċ-ċinturin trasportatur, u (B7) Kamera tal-pruwa taċ-ċinturin trasportatur (sors: Servizi tal-Osservatori Diġitali).

Tabella 1. Żoni u azzjonijiet minimi li għandhom jiġu mmonitorjati.

Żona koperta	Azzjoni koperta	Skop	Rekwiżiti minimi tad-data li għandhom jiġu mmonitorjati
Gverta tax-xogħol (bord ix-xellug)	L-irfigħ bil-kopp	Qabda totali skont il-Kompożizzjoni tal-ispeċijiet tal-kalar	Għadd ta' koppijiet u l-livell tal-mili skont il-kopp. Piż, daqs u speċi tat-tonn miżmum
	Skartar tat-tonn	Total ta' tonn skartat skont il-kalar	Piż, daqs u speċi tat-tonn skartat
	Manipulazzjoni tal-qabdiet aċċessorji	Stima tal-qabdiet aċċessorji	għadd ta' individwi fil-modalità tal-manipulazzjoni ID tal-ispeċi
Gverta tax-xogħol (in-naħa ta' bord il-lemin)	Manipulazzjoni tal-qabdiet aċċessorji	Stima tal-qabdiet aċċessorji	Modalità tal-manipulazzjoni
	Rilaxx ta' qabdiet aċċessorji	Qabdiet aċċessorji totali skont il-kalar	Numru ta' individwi u ID tal-ispeċi
Żona tat-tartarun tal-borża fl-ilma	L-irfigħ bil-kopp	Qabda totali skont il-kalar	Għadd ta' koppijiet u l-livell tal-mili skont il-kopp
	Manipulazzjoni tal-qabdiet aċċessorji u rilaxx sikur ta' annimali individwali (klieb balena, manti ġiganti...)	Qabdiet aċċessorji totali skont il-kalar. Applikazzjoni tal-aħjar prattiki ta' manipulazzjoni u ta' rilaxx sikur	Modalità tal-manipulazzjoni
	Rilaxx tal-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet kbar (klieb balena, manti ġiganti...)	Qabdiet aċċessorji totali skont il-kalar Applikazzjoni tal-aħjar prattiki tal-manipulazzjoni u tar-rilaxx sikur.	Numru ta' individwi u ID tal-ispeċi
Iz-zannur tal-pruwa jew in-nofsana tal-bastiment	Attività tal-FAD (użu, sostituzzjoni, tiswija...)	Għadd totali ta' użi tal-FAD, id-disinn tal-FAD u l-attivitajiet tal-FAD skont il-vjaġġ	Numru, materjal (naturali jew artifiċjali), u karatteristiċi tal-FAD (li jithabbell jew li ma jitħabbilx)
Gverta tal-istiva u ċinturin trasportatur	L-issortjar tal-qabdiet fl-istiva	Kompożizzjoni tal-ispeċi	Piż, daqs u speċi tat-tonn miżmum.
	Manipulazzjoni tal-qabdiet aċċessorji	L-aħjar prattiki	Modalità tal-manipulazzjoni
	Stima tal-iskartar, ir-rilaxx jew iż-żamma tal-qabdiet aċċessorji	Qabdiet aċċessorji totali skont il-kalar Kompożizzjoni tal-ispeċi Applikazzjoni tal-aħjar prattiki tal-manipulazzjoni u tar-rilaxx sikur.	Għadd, daqs jew piż tal-eżemplari, l-ID tal-ispeċi u l-istatus

Fuq il-bastimenti tas-sajd bil-konz, iż-żoni u l-attivitajiet minimi li l-kameras huma rakkomandati li jkopru (Tabella 2, Illustrazzjoni 2):

- Iż-żona fejn jiġi kalat il-konz (normalment kamera fis-sit tal-poppa tal-bastiment),
- iż-żona tal-irfigħ tal-konz,
- il-gverta tas-sajd fejn issir il-manipulazzjoni tal-qabdiet,
- u ż-żona tal-ilma tal-madwar għal dawk l-ispeċijiet mormija li ma jittellgħux abbord
- Il-kameras iridu jkopru l-azzjonijiet li ġejjin: il-kalar tal-konzijiet, l-informazzjoni dwar it-tip ta' lixka, jekk humiex qed jintużaw tekniki ta' mitigazzjoni (eż. lettijiet bl-infafar għat-tjur tal-baħar), l-irfigħ tal-konz, l-ispeċijiet kollha maqbuda bis-snanar (kemm miżmuma kif ukoll skartati), l-istatus tal-qabda, u d-daqs tal-eżemplari.
- Fuq il-biċċa l-kbira tal-bastimenti tas-sajd bil-konz tat-tonn, huma meħtieġa mill-inqas tliet kameras biex ikopru l-attivitajiet tas-sajd u l-operazzjonijiet tal-manipulazzjoni tal-ħut: waħda li tkopri l-immaġnijiet meta jiġi kalat il-konz, waħda biex tirreġistra l-irfigħ u t-tluġh abbord tal-qabda, u oħra mmuntata fuq il-gverta tal-ipproċessar biex jiġu rreġistrati l-ispeċijiet, id-daqs tal-eżemplari u l-istatus. U hija rakkomandata wkoll kamera addizzjonali biex tkopri ż-żona tal-ilma tal-madwar għal dawk l-ispeċijiet skartati li ma jittellgħux abbord.



Didaskaliya:

- Cam 3: Qabdiet miżmuma, speċi, daqs u status
- Cam 2: Qabdiet u qabdiet skartati; speċi, daqs u status
- Cam 1: Żubruni, snanar u kalar tal-lixka
- C1: Kamera tal-poppa
- C2: Gverta tas-sajd 1
- C3: Gverta tas-sajd 2

Illustrazzjoni 2. Eżempju ta' tagħmir tal-EM bi 3 kameras installat fuq bastiment tas-sajd bil-konz li jkopri ż-żoni prinċipali tal-operazzjonijiet tas-sajd u tal-manipulazzjoni tal-ħut. Kamp viżiv tat-tliet kameras: (il-pannell tax-xellug) Kamera tal-poppa – il-kalar tal-konz li tipprovdi informazzjoni dwar is-snanar, iż-żubruni, it-tekniki ta' mitigazzjoni u l-lixka; (il-pannell tan-nofs) Gverta tas-sajd 1 – informazzjoni dwar l-irfigħ, il-qabdiet u l-iskartar, l-ID tal-ispeċi, id-daqs u l-istatus; u (il-pannell tal-lemin) Gverta tas-sajd 2 – l-istatus tal-ispeċi, id-daqs, l-ID tal-ispeċi (sors: Servizzi tal-Osservaturi Diġitali).

Tabella 2 – Konfigurazzjoni ġenerali u żoni/attivitàjiet koperti mis-sistema tal-EM abbord bastimenti tas-sajd għat-tonn tropikali bil-konz

Żona koperta	Azzjoni koperta	Rekwiżiti minimi tad-data li għandhom jiġu mmonitorjati
Kamera tal-poppa tad-dgħajsa	Bidu u tmiem ta' operazzjoni ta' kalar	Pożizzjoni, data u ħin
		Għadd totali ta' snanar kalati u bejn iż-żubruni
		Għadd totali ta' żubruni kalati
		Tip ta' lixka
		Speċijiet tal-lixka
		Proporzjon tal-lixka (%)
		Miżuri ta' mitigazzjoni/tniġġis tal-baħar
Gverta tax-xogħol	Qabda abbord	Tul u piż ⁷ skont l-ispeċi maqbuda/individwali
		Kundizzjoni
		Status
		Predatur osservat
	Qabdiet aċċessorji skartati,	Qabdiet aċċessorji totali skont il-kalar u
Żona tal-ipproċessar	Qabda	Qabda totali skont il-kalar
		Tul u piż skont l-ispeċi/
		Sess
		Status
Żona tal-ilma tal-madwar	Bidu u tmiem tal-operazzjoni tal-irfigħ	Pożizzjoni, ħin u data
	Stima tal-iskartar, ir-rilaxx jew iż-żamma tal-qabdiet aċċessorji	Qabdiet aċċessorji totali skont il-kalar u kompożizzjoni tal-ispeċi
		Kundizzjoni u status tal-ispeċi

Fuq il-bastimenti bil-qasab u x-xolfa, iż-żoni minimi li l-kameras huma rakkomandati li jkopru huma ż-żona tal-attività tas-sajd bil-lixka, iż-żona tal-kalar u tal-attività tas-sajd bil-qasab u x-xolfa (il-kamera tas-sit tal-poppa tal-bastiment) u l-gverta tas-sajd fejn issir il-manipulazzjoni tal-qabdiet. Fuq bastiment tipiku bil-qasab u x-xolfa fl-Oċean Indjan, dan se jirrikjedi mill-inqas żewġ jew tliet kameras biex ikopru ż-żoni prinċipali tal-attività tas-sajd, l-operazzjonijiet tal-manipulazzjoni tal-ħut u s-sajd bil-lixka.

⁷ Stmati permezz ta' relazzjonijiet tat-tul u tal-piż

